**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 328 / 2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

***Omissis***

Illum, 1 ta' Lulju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant *Omissis* ta' 60 sena, imwieled *Omissis*, bin *Omissis* residenti *Omissis* u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru *Omissis*, akkuzat talli f dawn il-Gzejjer fit 23 ta' Gunju 2016 u fix-xhur ta' qabel b' diversi atti maghmulin minnu ukoll, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Gunju, 2016 u fix-xhur ta' qabel b' diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe' ibnu *Omissis* minuri ta' 7 snin.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi gieghel, ghamel pressjoni fuq, sforza jew hedded lil ibnu *Omissis* minuri ta' 7 snin biex jippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' xi persuna ohra, jew xjentement gieghel ghal skopijiet sesswali, lil ibnu *Omissis* minuri ta' 7 snin biex ikun prezenti waqt abbuz sesswali jew attivitajiet sesswali, ukoll jekk dik il-persuna ma tasalx biex tkun imgieghla tiehu sehem fl-attivitajiet, jew xjentement gieghel ghal skopijiet sesswali lil ibnu *Omissis* minuri ta' 7 snin jippartecipa f' imgieba esplicitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali, inkluz permezz ta' teknologija t' informazzjoni u komunikazzjoni, xjentement attenda wirja pornografika li fiha ha sehem ibnu *Omissis* minuri ta' 7 snin meta l-akkuzat abbuza mill-pozizzjoni tieghu rikonoxxuta li kellu ta' fiducja, awtorita' jew influwenza fuq il-minuri msemmi.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi kien jaf li kellu jew li kien afflitt b' xi marda jew kondizzjoni li tista' tigi specifikata skont is-subartikolu (3), b' xi mod xjentement ittrasmetta, ikkomunika jew ghadda dik il-marda jew kondizzjoni lil xi persuna ohra li ma tkunx marida jew affitta biha.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi b' ghemil zieni, ikkorrompa lil ibnu *Omissis* minuri ta' 7 snin meta huwa kien tutur tal-imsemmi minuri ghal xi zmien jew meta l-istess minuri gie fdat lilu sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi biex jissodisfa z-zina ta' haddiehor qabbad lil ibnu *Omissis* minuri ta' 7 snin fil-prostituzzjoni, jew ghal partecipazzjoni f' wirjiet pornografici.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil ibnu *Omissis* minuri ta' 7 snin, *Omissis* ID 200385 M u *Omissis* ID 601082 M il-biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuni jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) ta' Kap 9.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi f' diversi okkazzjonijiet hebb ghal persuna t'ibnu *Omissis* minuri ta' 7 snin.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna Ordni ta' Trattament skond l-Art 412 D ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi. tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni msemmija kif ukoll ghal familjari taghhom

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

F kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-22 ta' Gunju, 2018 (esebita a fol 313 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub.

- F-artikoli 204 C (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 204 D (1) (2) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 244 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 203 (1) (a) (c) u 197 (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 204 B (1) (2) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 251 B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 412 D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385 u 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:
- Fl-artikoli 17, 18 u 31, 49 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Frar, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-22 ta' Gunju 2018 u senjatament - artikoli 204 D (1) (a), (b), (c), (e), (2) (d), 203 (1), (a), (c), 197 (4), 251 B (1), 339 (d), 17. 18 u 31 tal- 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tieni (2), tar-raba (4), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu tmien (8) snin prigunerija. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 197 (4) tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre ordnat li l-imputat ghandu jitlef kull awtorita' u jeddijiet li ghandu fuq il-minuri *Omissis*.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma t' elf disa' mija u sitt euro (€1,906) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra t' esperti f dan il-kaz.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum fejn il-persuni protetti huma *Omissis*, *Omissis* u *Omissis*.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri koncernat il-Qorti ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-istess minuri, tal-imputat u taz-zewg xhieda principali *Omissis* u *Omissis*.

Rat ir-rikors tal-appellant *Omissis* minnhu pprezentat fit-23 ta' Frar, 2021, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Pulizijia Spettur Joseph Busuttil u Spettur John Spiteri) vs *Omissis*** tal-5 ta' Frar, 2021, fis-sens li din ghandha tigi kkonfermata in kwantu din sabitu mhux hati tal-Ewwel (1), tat-Tielet (3) u tal-Hames (5) akkuzi u lliberatu minnhom, izda ghandha tigi rrevokata in kwantu din sabitu hati tat-Tieni (2) akkuza b' mod limitat, tar-Raba' (4) akkuza, tas-Sitt (6) akkuza b' mod limitat, u tas-Seba' (7) akkuza u ikkundannatu ghal tmin (8) snin prigunerija effettiva, ikkundannatu ghat-telf ta' kull awtorita' u jeddijiet li ghandu fuq il-minuri *Omissis*, ikkundannatu jhallas ghall-ispejjez tal-esperti medici fl-ammont ta' €1,906, u harget kontrih Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' *Omissis*, *Omissis* u *Omissis* ghal perjodu ta' 3 snin, b' dan li tillibearah minn kull htija u kull Ordni.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**Illi l-aggravju huwa car u manifest u jirrizulta mis-segwenti:-**

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda d-decizjoni tal-Ewwel Qorti li wara kkonsidrat dak li jipprovdi l-Artikolu 637, hija waslet ghall-konkluzjoni li xorta kellha tqis ix-xhieda ta' *Omissis* u *Omissis* bhala kredibbli "anke ghaliex huma ma kellhomx raguni il-ghala jivvintaw dawn l-affarijiet fil-konfront tal-imputat."

   L-Ewwel Qorti tosserva li "hemm xi diskrepanzi bejn ix-xhieda in ezami, il-kontro-ezami u l-istqarrija" pero skond dik il-Qorti tali diskrepanzi huma frott tal-fatt li dawn iz-zewg xhieda kienu jabbuzaw mid-droga u d-droga tnessik xi affarijiet. Din il-pozizzjoni kienet tkun accettabbli kieku x-xhud insiet xi episodju f' hajjitha, pero' li persuna tiddikjara li llum grat haga u proprju gimghatejn wara tixhed li gara xi haga differenti hija wisq biex tigi accettata bhala l-effett tad-droga. Ghax jekk ha nitilqu mill-

punt li d-droga kellha dawn l-effetti fuq dawn ix-xhieda, allura x-xhieda kollha taghhom mhijiex attendibbli.

Hekk per ezempju fl-istqarrija ta' *Omissis* li hija tat fit-23 ta' Gunju 2016, *Omissis* tghid li wara li l-esponent prova jhajjarha taghmel sess orali ma' ibnu, hija tant hassha hazin li ghamlet lejl barra tibki u tikkontempla li taghmel suwicidju (folio 104). Imbaghad fit-8 ta' Lulju 2016 xhedet fil-Qorti, minkejja li sarulha diversi suggerimenti li setghet taghmel xi haga lilha innifisha, hija rrispondiet li le ma riedet taghmel xejn minn dan (folio 85).

Illi gia' inghad kif *Omissis* kienet irrabjata ghal *Omissis* minhabba li kien qed jirrappurtaha meta ddum barra aktar milli koncess lilha, imbaghad fl-ahhar tax-xhieda taghha turi li xi hadd dahhalielha f'rasha li *Omissis* ghaddielha l-Hepatite B : hija tispicca tindirizza lil *Omissis* direttament u tghidlu "U fil-verita' fuq li ghamiltli Mar nista' naghmillek hafna iktar hsara, hafna hafna iktar hsara nista' naghmillek fuq din tal-Hepatitis B…". *Omissis* jidher li kienet konvinta li *Omissis* bellaghlha Hepatite B, meta wara kollox il-virologu Chris Barbara kkonferma li mhux hekk kien; igifieri *Omissis* riedet tivvendika ruhha minn *Omissis* ta' xi haga li anqas kienet verament sehhet.

Illi finalment in rigward ta' *Omissis*, l-esponenti jigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghas-sentenza moghtija kontra *Omissis* esebita a folio 433 et sequitur tal-process, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tikkummenta li "il-verzjonijiet tal-imputati huma nieqsin minn kull ombra ta' kredibilita';" [1] u tikkummenta wkoll "**anke hawn *Omissis* tissokta fix-xhieda taghha li ma kienetx wahda veritiera**…" [2]

Illi fil-kaz ta' *Omissis* imbaghad, din xhedet fit-30 ta' Gunju 2016 u per ezempju din xhedet li t-tifel Jayden kien dejjem jorqod fl-istess sodda maghhom (maghha u ma' *Omissis*) – folio 54 u 55. Din l-affermazzjoni diga' kienet tikkuntrasta ma' dak li xhedet *Omissis* li qalet li t-tifel kellu l-kamra tieghu u ma kienx jidhol fil-kamra taghhom meta *Omissis* u l-esponent kienu jaghmlu s-sess. U difatti *Omissis* tikkondradixxi lilha

---

[1] vide folio 443, bidu tat-tielet paragrafu.
[2] vide folio 447, fuq nett tal-pagna.

nnifisha b' mod lampanti meta fil-kontro-ezami imbaghad taccertana li l-minuri *Omissis* kien jorqod f' kamra ohra flimkien ma' ħuha *Omissis* – folio 337. Kieku qed nitkellmu fuq okkazjoni ta' darba jew darbtejn, wiehed jifhem li persuna tinsa, pero li taghmel xi xahar torqod go post u f' seduta tixhed li ghamilt dak ix-xahar b' tifel ta' 6 snin jorqod dejjem gos-sodda mieghek u f' seduta ohra tghid li t-tifel kien jorqod kamra ohra, ebda ammont ta' droga ma tista' ttik dik l-allucinazjoni kontinwa ghal xahar. L-unika spjega hi li *Omissis*, bhal *Omissis*, qalet hafna affarijiet fejn il-verita' giet imzewqa ma' fantasija tant tajjeb, li sakemm ma tohrogx xi diskrepanza bhal din, difficli tiddermina liema parti mix-xhieda hija veritieri u liema hija ivvintata.

Illi hija haga totalment inspjegabbli kif ħu *Omissis*, *Omissis*, kien ukoll ghamel madwar xahar jghix ma' *Omissis* u ibnu Jayden, u dan ma tressaqx biex se mai jikkorrobora l-allegazzjonijiet ta' ohtu.

Illi f' dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, li l-kaz tal-prosekuzzjoni inbena kollu kemm hu fuq id-depozizzjonijiet ta' dawn iz-zewg xhieda, ma jistax jitqies pruvat u la jkun 'safe' u l-anqas 'satisfactory' li tinstab htija a bazi ta' dak li qalu dawn iz-zewg xhieda. Ghalhekk ebda parti mix-xhieda ta' dawn it-tnejn ma setghet titqies bhal fatt stabbilit jekk mhux korroborat b'xhieda jew evidenza ohra UNIVOKA. L-ewwel Qorti taghmel accenn li provi ohra jikkorroboraw ix-xhieda ta' dawn it-tnejn, pero' l-evidenza l-ohra hija vaga u bl-ebda mod ma kienet univoka. Jekk carer stqarret li t-tifel ikkummentalha xi haga fuq sidirha, mhux biss dik ma twassalna imkien, imma tista' tigi kkuntrastatha mal-fatt li la l-ghalliema u l-anqas l-LSA tal-minuri (li kienu jkunu mieghu fuq is-6 sieghat kuljum mieghu) ma qatt innotaw imgieba ta' dan it-tip. Innotaw biss li f' xi zmien beda jpengi u jghid stejjer tal-fatati, u fuq dan baghtuh ghand psikologa. Altru li kienu attenti fuqu dan it-tifel, pero' qatt ma rrizultaw gesti, kliem jew imgieba b' konnotazzjonijiet sesswali.

Apparti li x-xhieda ta' *Omissis* u *Omissis* kellhom jitqiesu mhux kredibbli fis-sens li mhux possibbli tiddetermina fejn qalu l-verita' u fejn le, it-tnejn li huma jidher li gew imhajra jixhdu bil-premessa li ma jittiehdux passi kontra taghhom, mhux biss ghal dak li tirrigwarda imgieba allegatament mhux xierqa mal-minuri, imma anke fir-rigward ta' reati ohra li huma kienu qed iwettqu (bhal prostituzzjoni u tehid ta' droga). Bhal

ma gia' gie accennat aktar ' il fuq, dawn iz-zewg xhieda kellhom l-interessi personali taghhom ghal biex *Omissis* jigi arrestat, u b' *committment* bhal dak mill-ispetturi li ma jittihdux passi kontrihom (folio 28 u folio 65 rispettivament), certament dawn ix-xhieda hassewhom aktar liberi jghidu dak li jaqblilhom bla ebda impunita' .

Ghalhekk, fil-kuntest ta' dan kollu, ix-xhieda ta' *Omissis* u *Omissis* kellha, u ghandha, tigi mwarrba.

2. Illi t-tieni aggravju jirreferi ghall-htija misjuba fuq it-tieni (2) akkuza, ghalkemm fuq parti minnha biss. L-Ewwel Qorti strahet fuq ix-xhieda ta' *Omissis* u *Omissis* li ghamlu diversi allegazzjonijiet u b' mod generali accettat dak li qalet *Omissis* li *Omissis* kien jipprova jgieghel lil ibnu imissha b' mod sesswali. F' dan ir-rigward *Omissis* minn naha taghha ma qalitx l-istess – qalet li kien hemm xi okkazjoni (jew forsi okkazjonijiet) fejn it-tifel fethilha l-gakketta u missilha sidirha, u missieru ma canfrux. Li l-esponent ma canfarx lit-tifel wara li dan ikun ghamel att ta' natura sesswali ma tammontax ghar-reat hawn addebitat.

Illi a skans ta' repetizzjoni, gia' inghad ghaliex xhieda mhux univokament ikkorroborata ta' *Omissis* u/jew ta' *Omissis* m'ghandhom jitqiesu sufficjenti ghas-sejbien tal-htija. Pero l-Ewwel Qorti accettat dawn l-allegazzjonijiet, anzi anke ghamlet taghha l-allegazzjoni li ghamlet *Omissis* biss, u fl-ezami biss, "li l-imputat kien ihalli lill-minuri fl-istess kamra u addirittura fl-istess sodda waqt li huwa kien jaghmel attivitajiet sesswali ma' *Omissis* u *Omissis*." Fil-verita' *Omissis* tghid li t-tifel kien jinghalaq barra u darba qalilha li qaghad jittawlilhom mit-toqba tac-cavetta – apparti li daqs kemm dan seta' kien veru daqstant iehor seta' ma kienx, certament l-esponent ma jistax jinstab hati li xjentement kiser l-Artikolu 204D tal-Kodici Kriminali. Imbaghad fejn tirrigwarda *Omissis*, kif gia' gie accennat qabel, ghalkemm fl-ezami din qalet li t-tifel kien dejjem jorqod fis-sodda taghhom anke waqt li huma jkun qed jaghmlu s-sess (tghid li t-tifel kien ikun rieqed), fil-kontroezami tikkontradixxi ruhha u tghid li t-tifel kien jorqod ma' ħuha f' kamra ohra.

Illi ghalhekk, filwaqt li l-esponenti jaqbel mal-Ewwel Qorti in kwantu din ikkonkludiet li ma kienx hemm provi li inkiser l-Artikolu 204C, jirribadixxi li l-provi

dwar il-ksur tal-Artikolu 204D huma inkonklussivi u ma jwasslux ghas-sejbien ta' htija f' dan ir-rigward.

3. Illi t-tielet aggravju jirrigwarda s-sejbien tal-htija fuq ir-raba' (4) imputazzjoni ta' korruzzjoni ta' minorenni. Mill-gdid l-Ewwel Qorti ssib htija ta' korruzzjoni ta' minorenni "stante li mill-provi rrizulta li l-imputat kellu rapport sesswali ma' *Omissis* u *Omissis* fil-prezenza tal-minuri. Gia' gie puntwalizzat li *Omissis* qatt ma qalet li t-tifel kien ikun prezenti waqt li hi kienet tkun qed taghmel sess ma' l-esponent: tghid li l-esponent gieli ma habbilx rasu jaghlaq il-bieb u tghid li darba t-tifel qal li qaghad jittawlilhom mit-toqba tal-bieb u hi fehmet li rahom jaghmlu s-sess. Anke kieku dan kien veru, dan mhuwiex sufficjenti biex ikun jista' jinghad li giet pruvata l-intenzjoni kriminuz – ma tirrizultax il-mens rea kriminuza da parti tal-esponent.

Imbaghad jekk nirreferu ghax-xhieda ta' *Omissis*, kif inghad, din l-ewwel xhedet li t-tifel kien ikun jorqod go nofshom, anke meta kienu jaghmlu s-sess, imbaghad qalet li t-tifel kien jorqod f' kamra ohra.

Naturalment jibqghu l-allegazzjonijiet ta' *Omissis* li l-esponent kien jipprova jġieghel lilha jew lil ibnu jaghmlu atti ta' natura sesswali. L-esponent jichad l-allegazzjonijiet ta' *Omissis* bil-qawwa kollha, u rajna d-diversi motivi ta' vendetta li kellha *Omissis*. Hawnhekk il-Qorti tesprimi l-konfort taghha li temmen l-allegazzjonijiet ta' *Omissis* a bazi ta' dak li xhedu s-social workers u l-carers tal-Home li ttiehed fiha t-tifel, kif ukoll tal-esperti psikologi. Dawn kollha qalu, b' manjiera jew ohra, li t-tifel kien 'over-sexed'. Pero' bir-rispett kollu din l-imgieba orjentata lejn innuendos sesswali bl-ebda mod ma jikkorrobora l-allegazzjoni li l-esponent prova jhajjar lil *Omissis* jew lil ibnu ikollhom kuntatt sesswali, jew diskors inaccettabbli konness mas-sess. Wiehed irid jiftakar li l-minuri kellu tablet tieghu (missieru lanqas biss jaf juzah) u l-espert tal-Qorti Dr Stephen Farrugia Sacco sab li dan kellu downloaded xi materjal ta' soft core porn. Jidher li l-minuri, jew wahdu jew bl-assistenza ta' xi hadd, kien qed jara dan il-materjal u allura l-inuendos tat-tifel ghal materji ta' natura sesswali mhux necessarjament kellhom ikunu rizultat ta' xi haga li ghamel missieru, bhal ma kkonkludiet l-Ewwel Qorti. Missieru forsi messu kien aktar vigilanti fuq ibnu u fuq kif ibnu kien qed juza t-tablet, sa fejn possibbli, pero' certament ma nistghux nghidu li ingiebet xi prova

UNIVOKA li tikkorrobora l-allegazzjonijet ta' *Omissis*. Ghalhekk l-esponent ma kellux jinstab hati li kkorrompa lil ibnu.

4. Illi r-raba' aggravju jirrigwarda s-sejba tal-htija fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni li kkaguna biza' li ser tintuza vjolenza fuq ibnu, fuq *Omissis* u fuq *Omissis*.

Hawnhekk ghandna akkuza li tipikament tigi riskontrata meta l-prosekuzzjoni tkun trid issib ix-xaghra fl-ghagina u tohrog akkuzi addizjonali fil-konfront ta' xi suspettat li jhossuh mhux jikkopera maghhom bizzejjed. L-esponent qatt ma ppretenda li hu qaddis, u bhal kulhadd ghandu n-nuqqasijiet tieghu, liema nuqqasijiet dahhluh f' dubju dwar liema mistoqsijiet kellu jirrispondi meta gie interrogat. Wiehed irid jiftakar li z-zewg stqarrijiet moghtija mill-esponent inghataw fi zmien meta s-suspettati ma kienux jinghataw id-dritt li jkunu assistiti minn avukat waqt l-interrogazzjoni; fattur li bil-gurisprudenza recenti taghna ghandha twassal ghal biex il-Qorti tiskarta kompletament l-istqarrijiet.

Illi jidher li sia *Omissis* u sia *Omissis* dehrilhom li huma kienu komplici f' dak li kienu qed jakkuzaw lil *Omissis* bih, u bhal biex jiskolpaw ruhhom jghidu li huwa kien jghajjat hafna. Jidher li l-ufficjali investigattivi impressjonaw ruhhom b' dawn l-allegazzjonijiet tant li hassew li ma johorgux akkuzi fil-konfront taghhom. L-Ewwel Qorti korrettement innotat li *Omissis* bl-ebda mod ma qalet li qatt giet imbezza', mentri *Omissis* bhal qalitha, pero' imbghad ikkontradixxiet ruhha meta qalet li r-ragunijiet ghalxiex riedet titlaq mid-dar ta' *Omissis* kienu ghax hija kienet tabbuza mid-droga oltre li zieded li anke minhabba l-abbuz fuq Jayden, pero mhux ghax kienet qed tigi imbezza'. Fid-dawl ta' dan l-Ewwel Qorti korrettement ikkonkludiet li dan ir-reat ma twettaqx fil-konfront ta' dawn iz-zewg xhieda. Pero' fuq l-iskorta ta' l-istess xhieda waslet ghall-konkluzjoni li dan ir-reat twettaq fil-konfront tal-minuri Jayden.

Illi biex issib tali htija, dik il-Qorti htigilha fl-ewwel lok temmen l-allegazzjoni ta' *Omissis* li darba l-esponent ta' daqqa' lil ibnu b' lasta ta' xkupa, u l-allegazzjoni ta' *Omissis* li darba l-esponent ta' daqqa lill-ibnu b'wire jew cinga tal-kitla. Dik il-Qorti accettat dak li tghid *Omissis* li Jayden kien jitwerwer meta missier isemmilu l-kelma wire jew cinga, oltre li kien jibza' meta missieru kien iwiddbu fuq xi haga hazina billi

jghidlu li jibghatu go istitut. Issa filwaqt li tibqa' tigi michuda l-allegazzjon ta' swat fiziku fuq il-minuri, b' kull rispett, ma jistax jinghad li tifel ta' 6 dejjem tista' tiddixplinah billi tkellmu bil-kelma t-tajba. Wiehed m' ghandux ghalfejn imur 'il boghod biex jinnota kif id-dixxiplina fl-iskejjel marret il-bahar f'dawn l-ahhar tletin sena meta bdew jigu promossi metodi ta' 'trattament bl-ingwanti' fil-konfront ta' studenti li ma jsegwux ir-regoli tal-iskola jew tal-hajja. Jekk genitur jaghmel theddid bi skop ta' dixxiplina, tista' tasal sal-punt li dak il-genitur jinstab hati ta' agir eccessivament goff u bi ksur tal-Artikolu 339 subinciz (h) tal-Kodici Kriminali, pero' li l-genituri titnehhilhom kull arma li biha jistghu jiddixiplinaw it-tfal taghhom twassal ghal aktar rovina fis-socjeta'. Naturalment il-pulizija ma tressaqx il-Qorti lil kull genitur li xi darba ' jhedded' lil ibnu jew bintu li 'jekk ma tobdix se naghmel hekk…' , pero ghal *Omissis* iva din l-akkuza tohrog. Wiehed ma jistax jinsa li mhux biss l-ghalliema ta' *Omissis* qatt ma nnotaw xejn hazin fit-tifel jew f' missieru, talli anqas l-esperta medika mahtura mill-Qorti Dr Mariella Mangion li ezaminat lill-minuri fl-1 ta' Lulju 2016 (igifieri ftit jiem biss wara l-arrest ta' *Omissis*) ma rrizultalha ebda abbuz fuq il-minuri, la fiziku u l-anqas sesswali.[3]

Il-' *course of conduct*' ta' biza' rikjest mill-akkuza numru 6, liema ' *course of conduct*' ma tistax tirreferi ghar-*reverential fear* li kull minuri hu mistenni li jkollu mill-genituri tieghu, ma gietx pruvata; hemm biss iz-zewg incidenti li semmew iz-zewg xhieda inattendibbli *Omissis* u *Omissis*. Kieku kellna nemmnu lil *Omissis* u *Omissis*, fl-aghar xenarju kien ikollna ksur tal-kontravenzjoni 339(h), mhux ir-reat addebitat fl-Artikolu 251B.

5. Illi l-hames aggravju jirrigwarda s-sejbien tal-htija fir-rigward tas-seba' (7) akkuza li l-esponent hebb ghal ibnu. Kieku bniedem jasal li jhebb ghal ibnu, bilfors li dak il-bniedem ikun bla skrupli, u l-haga ma jaghmilhiex darba f' mitt qamar. Kif gia' accennat precedentement, f'kaz iehor il-Qorti tal-Magistrati (Malta) setghet tikkonstata li *Omissis* ma ssibx diffikulta' tixhed l-inveritier, u dan wahdu diga' jixhed dubju ragonevoli fuq l-allegazzjoni li darba l-esponent sawwat lil ibnu b' wire. Iktar minn hekk ir-rapport tad-dottoressa Mariella Mangion (sucitat) kif ukoll ix-xhieda tal-

[3] vide rapport ta' Dr Mangion a fol. 196-197, u x-xhieda precedenti taghha.

ghalliema u tal-LSA tal-minuri jaghtu certifikat ta' korrettezza assoluta da parti tal-esponent, ghal menu ghal dak li jirrigwarda trattament fiziku tal-minuri. L-Ewwel Qorti ma taghti ebda piz lil din l-evidenza, bhal donnha skartatha. Dik il-Qorti iffokat biss fuq jekk il-kaz giex preskritt jew le, minghajr ma ddubitat xejn minn x' qalet *Omissis*.

Illi meta wiehed iqis l-assjem tal-provi, l-agenda mohbija ta' *Omissis*, u d-dispozizzjoni taghha li tixhed falz fil-Qorti, din l-allegazjoni ta' vjolenza da parti ta' *Omissis* ma tistax titqies attendibbli, u mhi bl-ebda mod korroborata. Ghalhekk l-esponent m' ghandux jinstab hati ta' din l-akkuza.

6. Illi s-sitt aggravju huwa totalment bla pregudizzju ghall-aggravji kollha precedenti, u jirrigwarda l-piena erogata.

Fl-ewwel lok, il-piena inflitta hija ta' karcerazzjoni effettiva li akkumpanjata bit-tbeghid ta' *Omissis* minn ibnu hija piena esageratament iebsa. Kulhadd xehed li l-minuri *Omissis* ihobb lil missieru b' imhabba tal-genn, u naturalment l-istess jista' jinghad da parti tal-missier fil-konfront ta' ibnu. Li tul dawn il-proceduri huwa gie imbieghed minn ibnu hames snin diga' ha piena straordinarja, iktar u iktar il-piena tkun iebsa kieku l-missier jinghata prigunerija effettiva ta' 8 snin ohra.

Pero' apparti l-generalita' ta' dan l-aggravju, u ghall-possibbilita' ta' attenwazzjoni f' kaz ta' liberazzjoni mill-appell, u ghat-tnaqqis tal-perjodu li l-esponent ghamel taht arrest preventiv, b' mod specifiku hemm ukoll l-applikazzjoni tas-subartikolu 197(4) tal-Kodici Kriminali. Is-subartikoli (2), (3), (4) u (5) tal-Artikolu 197 huma applikabbli biss meta persuna tinstab hatja skond is-subartikolu (1) tal-Artikolu 197, u dan mhuwiex il-kaz odjern. Imbaghad hemm is-subartikolu 203(2) li jrendi s-subartikolu 197(4) applikabbli ghal min jinstab hati taht l-Artikolu 203; issa l-Ewwel Qorti sabet htija taht l-Artikolu 203, pero' s-subartikolu 203(2) mhuwiex wiehed mill-Artikoli citati mill-Avukat Generali fir-Rinviju tieghu tat-22 ta' Gunju 2018,[4] u anqas mis-sentenza, u ghalhekk ma setax jigi applikat is-subartikolu 197(4). Dan ifisser li filwaqt

[4] Ir-rinviju bl-Artikoli jinsab a folio 313 tal-process.

li l-Ewwel Qorti tindika li applikat dan l-Artikolu 197(4) u allura gholliet il-piena bi grad jew tnejn, dan ma kienx konsentit li jsir gialadarba ma giex citat is-subartikolu 203(2).

7. Illi s-seba' aggravju hawn imressaq ukoll huwa totalment bla pregudizzju ghall-aggravji kollha precedenti, u jirrigwarda l-provvediment li tat l-Ewwel Qorti meta bis-supposita applikazzjoni tal-Artikolu 197(4) tal-Kodici Kriminali ordnat li l-imputat ghandu jitlef kull awtorita' u jeddijiet li ghandu fuq il-minuri Jayden.

   Illi jidher li l-Ewwel Qorti riedet tghid li kienet qed tapplika s-subartikolu 197(5) tal-Kodici Kriminali. Pero' dan is-subartikolu (5) m'hu imsemmi imkien.

   Fi kwalunkwe kaz, l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tapplika s-sub-artikolu 197(5) gialadarba dan qatt ma kien wiehed mill-Artikoli indikati mill-Avukat Generali fl-imsemmi Rinviju tat-22 ta' Gunju 2018.[5] Dan in-nuqqas kien se mai pregudizjevoli ghall-esponent li ma kellux opportunita jiddefendi ruhu minnu fid-difiza tieghu.

   Ghaldaqstant l-Ordni mahruga fis-sentenza biex l-imputat jitlef kull awtorita' u jeddijiet li ghandu fuq il-minuri *Omissis* ghandha tigi revokata.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kawza u dan fis-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2021.

Ikkunsidrat,

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:

1. Fit-23 ta' Gunju, 2016 il-pulizija ta' l-iskwadra tal-Vice squad arrestat lil *Omissis* u dan ghaliex sabuha fl-ekwati tal-Marsa f'hinijiet tal-gurnata meta kellha tkun gewwa *stante* li hija kienet marbuta bil-kundizzjoni ta' rinkazar f'kawza ohra.
2. Dakinhar stess il-pulizija giet infurmata minn *Omissis* li kien hemm minuri *Omissis* ta' seba' snin li kien qed jigi abbuzat sesswalment minn missieru.

[5] ibid.

3. Illi irrizulta li dan it-tifel minuri kien jghix ma missieru u kien qed jigi espost ghal certu affarijiet b'konnotazzjoni sesswali.

4. Jirrizulta li fid-dar tal-akkuzat residenti mieghu u ma ibnu kien hemm zmien meta kien hemm *Omissis* li kienet taghmel xoghol ta' prostituta kif ukoll *Omissis* li ukoll kienet prostituta u in oltre kienet tiehu id-droga li jipprovdilha l-akkuzat fil-presenza tal-minuri. *Omissis* ukoll ghamel zmien jghix hemm u kien imur jigbor id-droga ghal ohtu Dorianne.

5. Illi in segwitu din Phylliane kienet giet innotata barra wara il-hin stante li kellha l-kundizzjonijiet imposta lilha b'digriet tal Qorti fir-rigward tal-hinijiet u din instabet barra il-Marsa u kien hemmhekk meta hija svelat dak kollu li kien ghaddej minnu il-minuri Jayden

6. Il-pulizija gabru dan it-tifel minn l-iskola u ittihed id-depot fil-presenza ta' social worker fejn minnufih beda jigi mistharreg il-kaz.

Kunisderazzjonijiet,

Illi fl-ewwel zewg aggravji tal-appellant, huwa jilmenta mid-diskrezzjoni uzata mill-Ewwel Qorti u dan ghaliex qiset li ix-xhieda ta' *Omissis* u *Omissis* kienu kredibbli.

Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[6] '

> *hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll filkaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u*

[6] Deciza 31 ta' Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*legalment tasal għall-konkluzzjoni li waslet għaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[7]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[8]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[9]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[10]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**[11]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[12]

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[11] 1969] 1 QB 276.
[12] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: **<u>Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,</u>**[13] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.
Kif din il-Qorti kellha opportunita' li tosserva f'diversi pronuncjamenti taghha, huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-</u>**

[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru,1994.

**Pulizija vs Peter Ebejer,**[14] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju (Enfazi ta' din il-Qorti). Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni "*beyond reasonable doubt*" moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension**:

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.*"[15]

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi l-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[14] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.
[15] 1974 - ALL Er 3728.

Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[16]

F'decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[17] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> *"Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Iddiskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata."*

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

---

[16] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007. Appell Kriminali Numru. 115/2006.

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

L-appellant jenfasizza illi minhabba konflitt u nuqqas ta' konssitenza fix-xhieda ta' *Omissis* u *Omissis* l-Qorti ma kellhiex temminhom. Izda kif jipprovdi l-**artikolu 638(2) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[18] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja'*. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne;**[19] *"mhux kull konflitt fil-provighandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[20]

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace,**[21] il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

---

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta' Frar,2012

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Lulju 2003

[20] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police v. Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957. **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006; **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace (**deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013.

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Ottubru 2013.

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."*

Illi l-Qorti ser taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et**[22] fejn inghad is-segwenti:

*"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci."*

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg,**[23] fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi.

[22] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014.
[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998.

Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[24] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*". Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[25] b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [26] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

---

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[25] 1997 Edition Para 10-3.
[26] 1952.

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>**.[27]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja dik esposta mill-prosekuzzjoni li tinsisti li l-minuri gie espost ghall-atti sesswali minn missieru stess l-akkuzat u dik proposta mid-difiza li ix-xhieda tal-prosekuzzjoni partikoalment il-kwerelanti *Omissis* u *Omissis* mhumiex xhieda kredibbli u ghalhekk din il-Qorti kienet zbaljat meta emmnet it-tezi taghhom.

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin, ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li x-xhieda tal-prosekuzzjoni li gew mitkelma a tempo vegine tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehdu l-Qorti viva voce minn jeddhom zmien wara l-akkadut.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. […]. Dan hu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti wara li tezamina fid-dettal dak li intqal minn kull xhud migjub jixhed kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza.

Ikkunsidrat ulterjorment,

**Spettur Joseph Busuttil** xehed nhar it-30 ta' Gunju, 2016[28] u spjega kif nhar it-23 ta' Gunju 2016 il-pulizija tal Vice Squad kienu ircevew rapport minghand certu *Omissis* li

[27] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.
[28] Fol. 29 ta' l-atti.

kien hemm minuri *Omissis* ta' sebgha (7) snin li kien qed jigi abbuzat sesswalment minn missiseru gewwa is-Siggiewi. Spjegat li din *Omissis* qaltlu li t-tifel ghall-ewwel kien jghix ma ommu izda imbaghad ma baqax u mar jghix ma missieru, l-akkuzat. Ix-xhud spjega ukoll kif din *Omissis* kienet ghamlet xi zmien tghix maghhom fl-istess dar. Din *Omissis* kienet tahdem bhala prostituta u kienet ftiehmet ma l-akkuzat li ma thallasx biex tghix hemm basta pero taghmel dak li jghidilha l-akkuzat. Qaltlu li l-akkuzat kien igieghlha taghmel sess orali ma dan il-minuri u li ried ikollu x'jaqsam maghha flimkien mat-tifel tieghu, it-tlieta li huma f'salt wahda, fir-residenza tieghu u tghid li filfat kien hemm okkazzjonijiet meta dan kien isehh. Qalet li hija kienet torqod fl-istess karma tas-sodda ma l-akkuzat u t-tifel li kien espost ghal dawn l-affarijiet. Jghid ukoll li dan it-tifel kellu tablet u skond *Omissis* kien mifquh bil-pornografija. Qal ukoll li qaltlu li l-akkuzat kien itiha l-flus biex tixtri d-droga basta ma tghid xejn lil hadd dwar dak li kien ghaddej u li tkompli taghmel dak li ighidilha hu. Jekk tikxfu kien lest li jirapporta lill-puilzija li kienet tabbuza mid-droga u kien jieqaf milli itiha flus ghad-droga. Jghid ukoll li din *Omissis* kient qed tibbenefika mill-kunidizzjonijiet tal-liberta' provizorja u kien qalilha li jekk ma tosservax il-kundizzjonijiet kien ser ikun hu li jirraportaha u fil-fat hekk ghamel ghaliex kienet marret id-dar ghaxar minuti tard. Kien proprju minhabba dan l-incident li saru jafu b'dak li kien qed jigri.

Qalet ukoll li kien hemm persuni ohra li ghaddew minn dak li ghaddiet hi u li kienu jahdmu fl-istess tip ta' xoghol. Qaltlu wkoll li kienet cemplet lill-Appogg b'mod anonimu izda ma kienu ghamlu xejn. Qaltlu li meta it-tifel ma kienx ikollu l-parti tieghu eretta dan kien jghajru 'pufta'. Kien hemm okkazjonijiet meta fil-fatt anke tah xi daqqa bil-wire tad-dawl.

Minn din il-persuna waslu ghat-tieni persuna li jisimha *Omissis* u din ikkoroborat dak li qaltilhom *Omissis* minghajr ma kienet taf li l-pulizija gja kellhom il-verzjoni ta' *Omissis* f'idejhom. Din *Omissis* qaltilhom li kienet marret hi stess ghand l-Appogg biex taghmel rapport ghax ma felhitx tara dan it-tifel ighaddi iktar minn dak li kien ghaddej. Tghid li pero l-Appogg ghamlu l-investigazzjoni taghhom pero sahqet li ma kien irrzultalhom xejn tant li kienu ghalqu l-file relattiv.

It-tifel ingabar mill-iskola tas-Siggiewi nhar it-23 ta' Gunju, 2016 u baqghu sejrin bih l-Appogg u hemmhekk gabru social worker Noel Cini li kienu ikkuntattjaw qabel u dan biex jakkompanjhom id-depot. Minn hemmhekk marru l-kwartieri Generali tal-pulizija flimkien ma PS Lydon Zammit. Dak il-hin it-tifel ma ried jaghmel disclosure ta' xejn.

Wara ftit waslet Alicia Cauchi ukoll mill-Appogg u quddiema beda jghid xi affarijiet li ndikaw li verament kien ghadda minn xi abbuz sesswali. It-tifel pero baqa' maghluq hafna ghaliex kien imbezza stante li missieru kien ighidlu li jekk jitkellem kien ser jispicca go gagga. Spjega li l-akkuzat ma tkellem xejn fuq dan il-kaz minkejja li kien tkellem ukoll mal-avukat tieghu. Dan qallu li kien marid bil-hepetitis li kien ha mill-habs u li meta mar mat-tfajliet ma kienx qalilhom b'dan u li lanqas kien jilbes protection meta jmur man-nisa.

Huwa gharaf iz-zewg stqarrijiet li kien irrilaxxa l-akkuzat. Jghid ukoll li meta huwa ra t-tablet tat-tifel innota li kellha diversi loghob fuqha u hafna pornografija.

Illi nhar il-21 ta' Mejju, 2019[29] rega' xehed in kontro ezami u mistoqsi jekk dahalx f'din l-investigazzjoni ghaliex Phylliane li rraportat il-kaz kienet kisret xi kundizzjoni tal-liberta' provizorja jghid li dwar il-kwistjoni tal-bail ma jafx wisq ghax ma kienx indahal fiha. Dik il-kwitjoni dahlet fiha l-Ispettur Justine Grech. Ikkonferma li dan kien l-ewwel rapport li huwa investiga li kellha x'taqsam *Omissis*. Mistoqsi jekk kienx ivverifika dak li qalet *Omissis* li kienet ghamlet rapport anonimu lill Appogg, jghid li kien irrizultalu li l-Appogg kelhom rapporti anonimi dwar l-akkuzat u kienu ghamlu anke spezzjonijiet pero ma jistax jikkonferma jekk kienx ir-rapport ta' *Omissis*. Ikkonferma li meta marru jinvetigaw l-Appogg sabu kollox kien sew pero dan mhux l-ewwel darba meta l-Appogg jghidu li kollox ikun sew u meta tidhol il-pulizija l-affari tkun differenti. Waqt li huma kienu qed jaghmlu l-preparamenti ghat-tifel dan inzamm f'kamra li ghandhom ghat-tfal fejn jista' jilghab bil-playstation jew jara cartoons. Ikkonferma li t-tifel huwa *destracted* hafna, ma tantx jitkellem u meta jghid xi haga din ma tkunx fit-tul. Itik ftit hints jieqaf u jerga' itik ftit hints. Qal li huwa tkellem

[29] Fol. 345 tal-process.

ma *Omissis* u *Omissis* independentement minn xulxin u irrizulta l-istess verzjoni ta' dak li jikkoncerna l-akkuzat. Huwa konxju li huma kellhom karattru kkulurit pero dan ma jiddeterminax jekk persuna hux qed tghd il-verita' jew le.

**Spettur John Spiteri** xehed nhar it-30 ta' Gunju 2016[30] u dan spjega li bejn il-lejl tat-22 u 23 ta' Gunju 2016 kien ircieva telefonata minn WPC 186 li hija stazzjoanta il-Vice Squad fejn din infurmatu li waqt li kient qed taghmel ir-ronda iltaqghet ma *Omissis* u din qaltilha li xtaqet titkellem maghhom peress li kien xi haga li verament kienet qed tinkwetaha. Ix-xhud spjega kif din WPC 186 qaltlu dak li kienet qaltilha *Omissis* u cioe' li kienet ilha xahar tghix is-Siggiewi ma l-akkuzat u dan kien itiha xi flus biex ikollha x'taqsam mieghu sesswalment kif ukoll mat-tifel Jayden li ghandu sebgha (7) snin .

Huwa tkellem ma din *Omissis* u din spjegatlu li l-akkuzat kien irid ikollu x'jaqsam maghha kwazi kuljum u li kien irid li taghmel sess orali ma ibnu Jayden. Kien hemm okkazzjonijiet ukoll fejn kien irid li hija ikollha x'taqsam mat-tifel minuri tieghu. Ma kienx irid lanqas li hija tkompli tinzel il-Marsa ghax-xoghol ta' prostituzzjoni. Tghid li dan kollu kien isir kontra ix-xewqa taghha izda tghid li kien jheddidha u li jekk titkellem kien ser jitfaha l-habs. Qalet li t-tifel ma setghax ikollu erezzjoni wisq probabbli minhabba l-eta' tieghu u missieru, l-akkuzat, beda jghajjru 'pufta' u tah xeba bil-wire tal-kitla. Kien sahsansitra anke ta'xeba lilha u jghidilha li jekk tiftah halqha kien ser jibghatha ghomorha il-habs. Qalet li l-akkuzat kellu xi familjari li kienu gay u kellu ossessjoni li ibnu ma johrogx bhalhom. Dan il-fatt gie konfermat mix-xhud meta tkellem mal-akkuzat stess. Din *Omissis* qaltlu ukoll li l-minuri kellu tablet mimlija bil-pronografija u dan kien ikun il-hin kollu bit-tablet f'idu u kien ikun espost ghal dawn l-affarijiet. Qalet li it-tlieta li huma kienu jorqdu fuq l-istess sodda u li gili *Omissis* kellha x'taqsam mal-akkuzat meta il-minuri kien ikun fis-sodda u filghodu kien idur fuqha u jghidilha *"rajtkom il-bieah lilek u l-papa."* Qalet li t-tifel gili qabdilha sidirha u meta kienet tattira l-attenzjoni lill-missier dwar dan, l-akkuzat kien ighidilha hallih ghax ma jridx li jkollu tifel gay. Din *Omissis* qaltilha li qabilha kien hemm xi nisa ohra li setghu kellhom l-istess esperjenzi taghha u semmiet lil certu *Omissis*. Ix-xhud stqarr li din kienet maghrufa bhala fuq prostituzzjoni.

[30] Fol. 38 ta' l-atti processwali.

Nhar l-24 ta' Gunju ,2016 huwa baghat ghal *Omissis* u meta staqsiha dwar dak li kien qed jigi allegat din infaqghet tibki u tghid li kienet ilha tirraporta lill-Appogg izda ma ghamlulha xejn. Spjegat li kienu hadulha it-tfal ghaliex kellha il-vizzju tad-droga meta kien hemm min qed jaghmel aghar minnha u baqa' izomm it-tfal tieghu. Din *Omissis* qaltlu li t-tifel kien il-hin kollu jipprova jaqbdilha sidirha u l-warrani taghha u kienet tigbed l-attenzjoni ta' missieru, l-akkuzat, u dan kien jghidilha biex thallih ghax ma riedx l-ibnu ikun gay.

Ix-xhud spjega ukoll li kien tkellem ma xi hames prostituti u dawn ikkonfermaw kif l-akkuzat kien jinzel l-Marsa bil-vettura tieghu, t-tifel kien ikun bilqeghda fuq wara. Qal li waqt li t-tifel kien id-depot u kkonferma li dam hemm ghal xi madwar tmien sieghat, kienu tawh xi pupi tal-Playmobil u hin minnhom innota lit-tifel jilghaq pupa femminili u jghid il-kliem 'li kien laqilha iz-zejza'. Minn hemmhekk innota li dak li kienu qalu iz-zewg prostituti kellu xi verita'.

Huma baghtu ghall-akkuzat u dan innega dak kollu li kienu qalu *Omissis* u Dorianne pero ammetta li vera ma xtaqx li ibnu ikun gay u kien ser jaghmel hiltu kollha biex ibnu ma jkunx gay. L-akkuzat stqarr li kien hu li jahsel it-tifel u jedukah u jghidlu biex ma jitkellimx hazin.

Huma ghamlu tfittxija fir-residenza tal-akkuzat u minn hemmhekk elevaw tablet. Qal li appena fethu dan it-tablet li ma kienx imsakkar innotaw li kien hemm nisa bla hwejjeg jaghmlu attivitajiet sesswali. Kienu filmati ta' pornografija. L-ghada ha stqarrija tal-akkuzat li tinsab esebita fl-atti a fol. 16 sa 20 u dan ghazel li ma jwegibx hafna mid-domandi li gew imposti. Meta staqsih jekk kienx ibati minn xi mard qal li ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena kien ibati mill-Hepatitis B. Mistoqsi jekk kienx juza kontracettivi meta kien ikollu x'jaqsam mal-prostituti ghall-ewwel qal iva izda wara qal li le. Mistoqsi jekk kienx qal lil dawn it-tfajliet li kellu din il-marda jghid li le, ma qalilhom xejn. Huwa gharaf it-tieni stqarrija tal-akkuzat esebita fl-atti a fol. 20 sa 23 tal-atti processwali.

Qal ukoll li din *Omissis* spjegatlu li l-akkuzat kien jghid lit-tifel li jekk jitkellem dwar is-secrets pastazi taghhom kien ser jispicca l-Appogg, inkella l-habs. Kemm *Omissis* kif ukoll *Omissis* spejgaw li l-akkuzat kien inizzilhom hu l-Marsa u kien imur jigborhom huwa u johodhom lura gewwa daru s-Siggiewi. Qal ukoll li l-akkuzat kien jistaqsi ghal Jessica Muscat meta kien jinzel il-Marsa u meta huma tkellmu ma din Jessica Muscat din ikkonfermat li l-akkuzat kien irid li hija ikollha x'taqsam ma ibnu izda hi ma riditx ghaliex kellha tifel ta' l-istess eta' li kienet tilfet f'incident awtomobolistiku. Tghid li kienet thoss ghal dan it-tifel li kien ikun dejjem fuq wara tal-karozza. Tghid ukoll li kienet canfret lill-akkuzat u qaltlu biex ma joqghodx jistaqsi ghaliha. Din Muscat qalet li gili rat it-tifel bit-tbengil meta kien ikun fil-karozza ta' missieru ta' kulur griza, tal-ghamla Peugeot fl-akwati tal-Marsa ben noti ghall-prostituzzjoni. Ix-xhud spjega ukoll kif kien hemm okkazzjoni wahda meta *Omissis* kienet gewwa id-dar tal-akkuzat u kienet qed tittaqqab u kien raha it-tifel minuri. Hija poggiet is-siringa fuq l-armarju u t-tifel mar jigborha u ghajtet lill-akkuzat biex tigbidlu l-attenzjoni u dan qalilha biex ihallih ghaliex jaf x'ghandu jaghmel biha. Meta Dorianne giet mistoqsija dwar il-kelma 'suffara' qalet li l-akkuzat kien jirreferi ghall-organu tieghu bil-kelma suffara u li kien jghid li t-tifel li meta jkun fil-presenza tan-nisa dawn kienu jigbdulu l-attenzjoni tieghu li s-suffara tkun qed tikber u li dalwaqt ikun lest biex fi kliem it-tifel stess jghid lill-prostituti biex 'iduru halli ikun jista' itihulhom minn wara'.

***Omissis*** xehdet nhar it-30 ta' Gunju, 2016 u din spjegat li t-tifel tal-akkuzat, Jayden kiber malajr. Spjegat li kien jghidilha 'ara s-suffara' u b'dan ried ifisser biex hija thares lejn il-parti genitali tieghu. Kien jifthilha l-gakketta taghha u jmissilha sidirha. Mistoqsija jekk missieru kienx ikun jaf tghid 'iva' u mistqosija jekk kienx jghidlu xi haga tghid 'le'. Lilha kien jghidilha 'ahjar hekk biex ma jitlax gay.' Tispjega li hija kienet tghidlu biex joqghod kwiet. Qalet li ghamlet xi xahar tghix ma *Omissis* u ibnu is-Siggiewi. Tghid li kienet torqod fl-istess kamra ma *Omissis* u t-tifel. Ikkonfemrat li kien ikollha x'taqsam ma *Omissis* meta it-tifel kien ikun fil-kamra maghhom. Tghid li waqt li kien ikollhom ma xulxin it-tifel kien ikun riqed. Pero tghid li gili semghet lit-tifel jghid lil missieru '*rajtek twahhalha lil Dorianne bil-lejl*'. Dan ghaliha ifisser li kien rahom jaghmlu l-att sesswali. Tghid li it-tifel anke raha tiehu d-droga tant li darba minnhom hadilha l-labra u telaq jigri biha. Mistoqsija jekk qattx rat lill-akkuzat isawwat lit-tifel tghid li iva darba minnhom ratu itih bil-lasta ta' l-ixkupa ghaliex ma

bediex jobdih u kien qed jaghmel kocc storbju. Tghid li hija ma baqghetx tghix ghand l-akkuzat minhabba il-problema li ghandha tat-tehid ta'droga. L-Appogg kienu qalulha li jafu li qed tghix is-Siggiewi u hija qaltilhom li maghhom kien hemm tifel. Tghid li lil tal- Appog qaltilhom li t-tifel kien jara dawn l-affarijiet ta' bejnha u bejn l-akkuzat. Mistoqsija jekk kinietx taf li l-akkuzat kien marid b'xi marda, tghid li ma tafx kien ighidilha li m'ghandu xejn. Mistoqsija jekk kienx juza l-kontracettivi tghid li le ma kienx juzhom.

Ix-xhud regghet xehdet nhar it-30 ta' April, 2019[31] u kkonfermat li fis-sena 2016 kellha tarbija pero din ma kienitx tghix maghha meta kienet tghix ghand l-akkuzat. Qalet li tal-Appogg ma rieduhiex tghix mat-tfal u ghalhekk marret ma huha *Omissis* tghix ghand l-akkuzat. Hija kienet torqod ma *Omissis* fis-sodda u huha *Omissis* kien jorqod ma Jayden. Qalet li ma tantx kienet tohrog. *Omissis* kien iqajjimha biex tmur tiehu l-methadone u kien iwassalha hu. Tghid li pero droga kienet tiehu ta' sikwiet u kien johodha biex iggibha *Omissis* jew huha *Omissis*. It-tnejn kienu jafu li tkun sejra tigbor id-droga. Tghid li gili hadet droga quddiem it-tifel ukoll waqt li *Omissis* kien ikun ukoll prezenti fil-kcina. Ikkonfermat li *Omissis* gili sawwat lit-tifel bil-wire tal-kitla u daqqa' ta' xkupa.

***Omissis*** xehdet nhar it-8 ta' Lulju 2016[32] tghid li taf lill-akkuzat u ilha tafu ghal xi madwar seba' xhur. Tghid li kient taghmel xoghol ta' prostitutzzjoni u kienet iltaqghet ma habib tal-akkuzat u dan qalilha li kellu habib u jekk setghetx tmur ghandu f'daru is-Siggiewi. Tikkonferma li qabel ma iltaqghet ma dan *Omissis* hija kellha problema ta' abbuz ta' droga u kienet tonfoq fuq id-droga bejn €30 u €35 kuljum. Tghid li lil *Omissis* kienet titolbu €200 kuljum ghax kien difficli tghix mieghu. Il-hin kollu jghajjat maghha u mat-tifel u li kien jittrattaha ta'zibla. Tghid li jekk issemmi ic-cinga lit-tifel, dan jitwerwer. Darba tah daqqa fuq daru u ghamel xi tlett ijiem ihoss id-daqqa fuq daru . Kien jghajru 'pufta' jekk ma jaghmilx li jghidlu. Kien jghid lit-tifel biex imiss sidirha, jew il-parti taghha u jekk ma jaghmilx hekk jghajru 'pufta'. Dan kollu ghaliex kien jibza li ibnu kien jitla bhat-tfal ta' hutu li huma gay. Kien ikun maghhom fil-karma tas-sodda u missieru kien jghidlu biex jaqbad 'l hawn u 'l hinn.

---

[31] Fol. 337 tal-process.
[32] Fol. 68 ta' l-atti tal-process.

Tghid li ghall-ewwel kienet tghid lil *Omissis* biex ma jsawwatx lit-tifel . Kellha taghmel is-sess kuljum mieghu u fil-fatt tispjega li sess mhux normali. Tghid li darba minnhom ried idahlilha fil-parti taghha flixkun coca kbir u anke ried jegakola gewwa fiha u qalilha li jekk tohrog tqila kien jaf koppja Ghawdxija li kient lesta li trabbi it-tarbija. Qaltlu li diga kellha wega ta' zewgt it-tfal u ma riditx tohrog tqila u titlef xi tarbija ohra. Qalet li ghal *Omissis* anke bil-bieb miftuh setghu jaghmlu is-sess izda hija kienet tiddejjaq taf li darba minnhom it-tifel qaghad ihares mit-toqba tac-cavetta tal-bieb.

Tghid li l-affarijiet bdew jiggravaw tant li meta t-tifel lanqas biss kien ghad kellu seba' snin u ghalhekk l-organu tieghu ma jkunx erett u riedu bil-fors jaghmel maghha minn wara. Ried anke li waqt li hu jaghmel is-sess minn quddiem maghha it-tifel jaghmel maghha minn wara. Tghid li l-hin kollu jitkellem fuq is-sess u jekk tghidlu li trid toqghod gol-kamra wahedha biex tara film kien jghidilha li jekk trid iggerrih quddiemu ma kienx hemm problemi. Qalet li hi telqet mid-dar kemm il-darba pero it-tifel kien icemplilha u hija kient tithassru u tmur lura id-dar. Tghid li darba minnhom l-iskuza kienet li *Omissis* kien ghamel id-demm mal-awrina u thassret lit-tifel li qalilha hekk u marret lura ir-dar.

Tghid li l-ghada pero kien ghaddielu ghaliex riedet taghmel sess bil-condom izda hu ma riedx u bdiet tghidlu li Alla hares ghandu xi haga u tohodha hi u dakinhar kellha ssir taf li kellu l-Hepatitis B. Tikkonfema li t-tifel kellu tablet u fuqha kien hemm hafna ritratti ta' pornografija u tal-organu ta' missieru filfat kienet hassret diversi ritratti minnha. *Omissis* kien jghidilha li t-tifel ma jitkellem qatt u dan ghaliex it-tifel kien jghidilha li jekk jitkellem il-missier jitfghu fl-istitut.

Kienet tghidlu li ma riditx taghmel affarijiet mat-tifel. Qalet li ghaliha kien importanti li tghix hemm ghaliex kellha kawza pendenti l-Qorti u kellha taghti indirizz fiss biex ikollha l-beneficcju tal-helsien mill-arrest. Tghid li ghalhekk kellha taghmel dak kollu li jordnalha. Jekk ma tobdihx kien jghajjat hafna. It-tifel ghadda minn martirju u kemm il-darba ghajru 'pufta'. Kien dejjem jheddu li jekk ma jobdihx kien ser jispicca l-istitut. It-tifel gili mar warajha biex jevita is-swat u sabiex tipprotegih.

Qalet li ma xtaqitx tasal s'hemm u li kienet tkellmet ma *Omissis* qabel u tghidlu li ma kienx qed jaghmel sew anke li jnizzel lit-tifel, il-harga tieghu filghaxija il-Marsa fejn il-qhab. Dan qalitulu diversi drabi. Rat lill-akkuzat isawwat lil ibnu Jayden diversi drabi u anke bil-wire. Fil-fatt tghid li bellaha. Tghid li l-akkuzat anke ried li hija terda l-organu sesswali tat-tifel u darba minnhom nizlet biex taghmel hekk izda hasset l-istonku tiela u qamet u qaltlu li ma kienitix ser taghmel hekk u dan sehh fil-kamra tas-sodda. Tikkonferma li kien jidghi hafna.

Tghid li kemm il-darba il-missier kien jghidilha li kien ser ihalliha mat-tifel ghax forsi it-tifel jiddejjaq minnu izda ma kienitx tkun trid.

Tghid li hija kienet mifthema ma xi hadd li una votla tigi ammessa il-Caritas, dan ghandu icempel l-Appogg u jirraporta dak kollu li kien qed isehh biex l-abbuz jieqaf. Tghid li darba minnhom giet imwwaqfa l- Marsa u qalet lill-pulizija li kien qed isir abbuz fuq tifel u li kienet lesta li tghid kollox una volta tidhol programm. Dejjem ridet li dawn l-abbuzi jieqfu.

Qalet li riedet tmur Monte Carmeli biex ma jkollhiex bzonn is-saqaf tieghu u tieqaf mill-vizzju li kellha izda ma kienx ihalliha tmur. Tichad li qatt qalilha li kien marid u tghid li jekk kellu l- Heptatis B taghha lin-nisa kollha tal-Marsa ghax maghhom kollha mar. Mistoqsija jekk kienx inizzilha l -Marsa tghid li iva u li kien jiddejjaq jekk ma kienx hu li jnizzilha. Tghid li pero anke jekk ma jnizzilx lilha 'l Marsa, kien jinzel bit-tifel. In-nisa l-ohra tax-xoghol tal-Marsa kienu jghidulu biex lit-tifel ma johdux hemmhekk. Tghid li t-tifel lilha gili qalilha '*sejra biex tmur mas-suwed?*'

Illi nhar id-29 ta' Jannar 2019 regghet xehdet u ghal darb ohra kkonfermat li kienet tghix ma l-akkuzat ghal ftit xhur gewwa d-dar tieghu s-Siggiewi. Mistoqsija tghid meta kien dan iz-zmien tghid li ma tiftakarx. Mistoqsija tispejga kif inhi imqassma id-dar tghid li appena tidhol hemm kuritur. L-ewwel hemm salott u wara hemm il-kcina. Wara il-kcina hemm kamra tas-sodda. Tghid li hi tat-tifel pero kienu ikun hemm huma. Wara hemm kamra tas-sodda kbira. Fid-dar hemm zewgt ikmamar tas-sodda. Wara hemm box room. Mistoqsija fejn kienet torqod tghid li fil-kamra tas-sodda iz-zghira, ghalkemm kien hemm granet meta raqdet fil-kbira. Tghid li t-tifel Jayden kien

jorqod ma missieru u gili kienet torqod hemmhekk maghhom ukoll. Qalet li hija xtaqet li tinghata kamra ghaliha pero ma kienx hekk. Kienet torqod ma *Omissis* u gili it-tifel kien ikun maghhom ukoll. Ikkonfermat li kienet tmur tiehu l-methadone dak iz-zmien u li kien *Omissis* li kien iwassalha l-Marsa. Dan kien zmien meta kienet inghatat il-liberta' provizorja. Imfakkra li meta xehdet aktar kmieni kienet allegat hafna affarijet fuq l-akkuzat u fuq it-tifel tghid minnufih li kienu affarijiet ta' veru li spejgat. Qalet li kienu jigru b'mod frekwenti la hi ta' sikwit u kkonfermat li meta l-pulzija gabruha mill-Marsa kienet qalet kollox lill-pulizja. Ikkonfermat li meta kienet tghix ma *Omissis* kienet tiehu l-coke u l-ismack u dan kuljum. Mistoqsija x'effett kien ikollha d-droga fuqha, tghid jiddependi skond kemm kienet tiehu.

Tikkonferma li kien *Omissis* li kien jiehu hsieb lit-tifel u jippreparah ghall-iskola. Tghid li meta kien ikollha x'taqsam ma *Omissis* it-tifel gili kien hdejhom u kienet tiddejjaq hafna u kienet tghid lil *Omissis* biex it-tifel ma jhallihx hdejhom. Spjegat li meta kienet tiehu d-droga id-dar u tittaqqab kienet iddendel xi haga mal-bieb biex it-tifel ma jarahiex. Qalet li gili pejpet il-coke quddiem it-tifel izda kienet tiddejjaq tittaqqab quddiem it-tifel. *Omissis* kien jghid lit-tifel li jekk ma jghamilx dak li jghidlu ikun 'pufta'. Kien irid li t-tifel imiss lilu innifsu u kien irid li hi taghmel affarijiet sesswali mieghu ukoll. Tghid li maghhom id-dar gili kien hemm nies ohra pero ma riditx ssemmihom. Mistoqsija jekk ghandiex tfal tghid li ghandha pero ma jghixux maghhom. Kienu haduwomlha ghaliex kienet tiehu d-droga u missier it-tfal kien qieghed il-habs u ommha ma riditx izommha iktar ghaliex kienet regghet bdiet thawwad.

Meta kienet tghix ma *Omissis* kien itiha l-flus u jwassalha l-Marsa. Hija kienet *homeless.* Tghid li fil-fatt *Omissis* kien qalilha biex titlaq minn fejn kienet ghax ma min kienet kien bis-sikkatura u tmur tghix mieghu u anke kien igibilha d-droga 'coke' u b'hekk ratu iktar sabih. Fil-fatt meta kien gabilha id-droga kien fil-kumpanija ta' Jayden ukoll. Kienet thossha komda li flok taqbad tal-linja lejn il-Marsa, kien iwassalha hu. Biex ghexet hemmhekk fid-dar ta' *Omissis* kellha taghmel mieghu u ghal darb' ohra tghid li kien idahhal it-tifel fin-nofs . Mhux minnu dak li gie suggerit lilha li marret tghix ma l-akkuzat biex jghinha taqta l-vizzju tad-droga tant li kien hu li kien igibilha l-ismack

u l-coke. Ikkonfermat li mit-testijiet tad-demm li hadet irrizulta li ghandha il-Hepatitis C.

L-**Ispettur John Spiteri** xehed nhar it-8 ta' Lulju, 2016[33] u esebixxa ic-certfikat tat-twelid ta' *Omissis* li gie markat bhal Dok CP li jikkonferma li dan it-tifel twieled fit-23 ta' Settembru, 2008.

Illi nhar is-6 ta' Dicembru, 2016 rega xehed u pprezenta sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar id-29 ta' Awwissu, 1996 li giet immarkata bhala Dok AD1[34] u sentenza ohra moghtija minn din l-istess Qorti diversament preseduta nhar it-22 ta' Lulju, 1996, immarkata bhala Dok AD2.[35]

Nhar it-2 ta' Ottubru 2019 xehed in kontro ezami u jghid li ma setax jikkonferma jekk *Omissis* kienitx ghamlet rapport iehor fuq l-akkuzat qabel dakinhar meta inqabdet barra wara il-hin. Mistoqsi jekk rahix stramba li kien proprju meta giet arrestata *Omissis* li din tkellmet fuq l-akkuzat u ibnu. Jghid li ghall-ewwel raha stramba izda mbghad investigaw il-kaz u irrizultalu li kienet qed tghid il-verita' tant li resqu lill-akkuzat il-Qorti ghaliex emmnuha. Mistoqsi jekk rax xi feriti meta it-tifel ittihed id-depot jghid li le pero hu kull ma ra hu wiccu u il-pala t' idejh. Mistoqsi jekk tkellmix mad-dirigenti ta' l-iskola jghid li huwa ma tkellimx ghaliex kienu tkellmu xi ufficjali ohra. Lilu qalulu li t-tifel kellu problemi ta' behaviour, ma kienx isegwi fil-klassi. L-affarijiet sesswali rahom b'ghajnejh meta rah jilghab bil- pupi tal-playmobil. Jghid li rrizultalu li l-Appogg kien gja kellha rapport fuq l-akkuzzat u kienet investigat il-kaz hi pero ma waslitx. Jista' jkun li l-Appogg investigat dan il-kaz mhux biss fuq it-telefoanta anonima ta' *Omissis* izda anke fuq rapport li seta gie ghandhom mill-education. Ghaliex l-education l-ewwel tibghat ir-rapporti lill-Appogg u l-pulizija tidhol fuq talba ta' l-Appogg.

Mistoqsi jekk ghamilx xi spezzjoni fil-post tal-akkuzat jghid li iva. Jiftakar li l-kamra tas-sodda li kien juza l-akkuzat kellha bedding roza. Mistoqsi jekk sabx xi affarijet

[33] Fol. 89.
[34] Fol. 160 ta' l-atti.
[35] Fol. 162 ta' l-atti.

konnessi mat-tehid ta' droga jghid li le. Pero dak iz-zmien meta mar hu *Omissis* kienet gja telqet minn hemm. Mistoqsi jghid min kienu s-seba' prostituti li kellem jghid li ma jiftakarx pero zgur li kien hemm wahda li jisimiha Jessica u kienet ghadha zghira. L-ohrajn ikkonfermawlu li kienu jaraw lill-akkuzat ihuf fl-inhawi tal-Marsa u t-tifel kien ikun mieghu fil-karozza. Jaf li l-akkuzat kien ried li ibnu jkollu x'jaqsam ma Jaessica li kienet ta' eta' zghira ta' tmintax-il sena. Qal li kienu hadu passi fil-konfront ta' *Omissis* ukoll talli kissret il-bail conditions u talli kienet tabbuza mid-droga. Ikkonferma li waqt li t-tifel kien id-depot u dan ghal xi tmien sieghat ghamel hafna mill-hin fil-playroom taghhom f'kumpanija ta' social worker jekk jiftakar sew Alicia u social worker ragel li ma jiftakarx l-isem.

L-**Ispettur Justine Grech** xehdet nhar il-11 ta' Awwissu, 2016 u kkonfermat li nhar it-22 ta' Gunju, 2016 kienet giet mgharfa minn WPC 186 li kienet rat lil *Omissis* fl-inahwi tal-Marsa. Dak iz-zmien, *Omissis* kellha il-kundizzjonijiet tar-rinkazar u kienu ghaddew ghaxar minuti mill-hin tar-rinakzar taghha u ghalhekk tat istruzzjonijiet biex din tigi arrestata biex tigi investigata ghall-ksur ta' bail. Tghid li tiftakar ukoll li kien cemplilha l-akkuzat u qalilha li darba minnhom *Omissis* ma kienitx marret id-dar u kienet qaltlu biex imur jaghamel rapport l-ghassa tal-pulizija taz-Zebbug peress li setghet kienet missing. Tghid li l-akkuzat kien ukoll dahal ghal *Omissis* biex taghha saqaf meta inghatat il-liberta' provizorja. Hemmhekk saret taf minghandha u minghand l-ispettur John Spiteri li *Omissis* flimkien mat-tifel ta' *Omissis* u cioe' *Omissis* kienu qed isofru minn xi abbuz. Hija fil-fatt tkellmet ma din *Omissis* u haditilha dikjarazzjoni. Hija esebiet din id-dikjarazzjoni li giet immarkata bhala Dok JG1. Din il-Qorti tiddikajra li ma hiex ser tiehu konjizzjoni ta' tali dikjarazzjoni u dan ghaliex fi proceduri penali ix-xhieda ghandha tinstema viva voce fil-presenza tal-akkuzat. Qaltilha li kienet ilha taf lil *Omissis* ghal dawk l-ahhar xharejn u li saret tafu tramite habib taghha u ghall-ewwel bdiet tingibed lejh izda maz-zmien rat li l--karattru tieghu inbidel. Dan beda ikellimha billi jghajjarha u ikellimha bid-dagha u kien hemm zmien meta anke hebb ghaliha darbtejn u anke refa idejh fuqha meta kien Wied il-Ghajn. Qalet li dan it-tifel kien ikun dejjem prezenti maghhom waqt dawn l-argumenti u ghamel zmien anke isahhan lit-tifel biex ma jkellimx lil din *Omissis*.

Spjegatilha li fost il-kundizzjonijiet li impona fuq *Omissis* meta dan dahal ghaliha biex taghha saqaf biex inghatat l-liberta provizorja kien li kellha ikollha x'taqsam mieghu kuljum. Provat issib kompromess ikollha x'taqsam mieghu darba iva u darba le izda meta f'dak il-jum li ma kienx ikollha x'taqsam mieghu, miskina kienet tkun. Qaltilha li it-tifel kien rahom jaghmlu is-sess mit-toqba tal-bieb, kien jghidlu li sa sentejn ohra kien ser ikollu x'jaqsam ma hafna nisa, kien jghidilha biex it-tifel juri l-parti tieghu lilha u kien jghidilha li minkejja li t-tifel kien ghad ghandu seba' snin min jaf kemm ser jikber il-parti tieghu. It-tifel biex jintghogob ma missieru kien jaghmel kollox.

Mistoqsija jekk l-akkuzat gili sawwatx lit-tifel wiegbet li darba taf li sawtu bil-wire. Qaltlu li kien hemm okkazjoni meta l-akkuzat anke ried li t-tifel jippartecipa fis-sess maghhom u tghid li waqt li hija ikollha x'taqsam mieghu minn quddiem it-tifel ikollu x'jaqsam maghha minn wara. Hemmhekk beda jghajru hafna kliem bhal 'pufta' ghaliex dan ma sehhx. Tghid li jekk ma kienitx taghmel dak li jordnalha l-akkuzat kien jghamlilha hajjitha nfern. Darba minnhom tghid ukoll li l-akkuzat ried li jkollha hin wahedha ma ibnu biex jzghmlu dak li trid hi. Tghid li hija messet it-tifel kontra r-rieda tieghu f'xi erba' okkazzjonijiet mill-inqas u sahansitra anke gieghlha taghmel sess orali mat-tifel. Tghid li meta din *Omissis* bdiet tirrakkonta dak li ghaddiet minnu dehret vizibilment imkissra u ridet taqla'.

Ikkonfemrat li l-Ipad tat-tifel kien mimli bil-blue films u kellu ukoll ritratti tal-parti genitali ta' missieru u dan l-Ipad kien il-hin kollu f idejn it-tifel. Din *Omissis* qaltilha ukoll li kien hemm zmien meta riedet taghmel suwicidju u li m'ghamlitx hekk ghaliex gabet lit-tfal quddiem ghajnejha. Tghid li fethet qalbha maghha ghaliex riedet li dan it-tifel jinghata l-ghajnuna kolha li kellu bzonn.

Mistoqsija jekk *Omissis* qaltilhiex ghalfejn kienet nizlet il-Marsa tghid li iva u qaltilha li kien *Omissis* li nizzilha u li t-tifel kien affaxxinat li hija kienet tmur mas-suwed.

Nhar l-14 ta' Jannar, 2020[36] xehdet in kontro ezami u tghid li l-akkuzat kien kellimha qabel it-22 ta' Gunju, 2016 u dan ghaliex allega li *Omissis* ma kienitx qed izzomm mal-

[36] Fol. 385 ta-atti.

bail conditions u kienet qaltlu biex jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zebbug. Qalet li hija iltaqghet ma *Omissis* biss fuq kwistjoni ta' bail. Li kieku kienet ghamlet xi rapport fuq abbuz maghha kienet tibghatha ghand il-Vice Squad. Maghha sa fejn taf hi kien biss dakinhar li ghamlet ir-rapport tal-abbuz meta ghaddiet il-kaz ghand il-Vice Squad.

Nhar it-22 ta' Settembru, 2016 xehdu **Dr Joseph Cassar** u **Dr Carmen Sammut** u dawn kkonfermaw li kienu gew nominati flimkien mal-psikologa Carmen Sammut sabiex ikellmu lil minuri *Omissis* u jaraw u jinvestigaw dak li kien qed jallega l-minuri. Huma pprezentaw ir-rapport taghhom li gie mmarkat bhala dok JC1.[37] Ikkonferma minn dak li setghu jinnotaw meta it-tifel kien qed jilghab li dan gie espost ghall-imgieba sesswali li mhiex adegwata ghall-eta tieghu. Qalu li meta kellmu lit-tifel b'mod dirett fuq dak li setgha isehh dan jiffriza. Qalu li t-tifel ma qal xejn izda is-sintomi trid tohroghom mit-terapija bil-loghob per ezempju pero dawn is-sintomi johorgu carissimi fi ftit minuti. Jidher li xi hadd qallu xi haga sabiex ma jitkellimx u jidher li qed jghaddi minn dik il-fazi li jibza li jitkellem. Qalu li t-tifel ghandu bzonn terapija urgenti minhabba l-hsara mentali li giet ikkagunata lilu.

Illi nhar is-7 ta' Frar, 2017 rega xehed x-xhud flimkien ma Dr Carmen Sammut u kkonfermaw li l-inkarigu taghhom kien gie estiz u pprezentaw rapport ulterjuri li gie mmarkat bhala Dok CP1[38] u qalu li s-sitwazzjoni ta' Jayden kienet ghadha l-istess u ma inbidlitx u cioe' li ghandu sintomi psikjatrici u psikologici u jindikaw li ghadda minn trawma. Ikkonfermaw li t-trawma li ghadda minnha ghandha konnotazzjoni sesswali mill-agir tieghu. Ghadu defensive hafna u ma jwegibx ghad-domandi diretti taghhom. Qalu li ma kienx idejali li t-tifel jitla jixhed anke jekk bil-video conferencing ghaliex ghandu biza li jekk jitkellem ser jitlef lil missieru. Jghidu li t-tifel gja tilef lil ommu u ghalhekk ghandu biza li ser jitlef l-uniku kuntatt li baqalu mal-familja. Mistoqsija kif waslu ghall-konluzjoni li t-tifel ibati minn sexualized behaviour jghidu li waslu ghal din il-konkluzjoni ghaliex raw l-imgieba tieghu tramite *play therapy*. Ghalihom huwa car li kien hemm sexual abuse. Jikkonkludu li l 'exposure illi xi hadd tal-eta' tieghu ma kellux ikollu, din hija hundred percent (100%)'. Huwa kontro

[37] Fol. 120 ta' l-atti.
[38] Fol. 190 tal-atti processwali.

indikat li tifel tal-eta' tieghu jitkellem fuq dawn l-affarijiet u ghalihom ix-xhieda tieghu mhiex daqstant importanti ghaliex ikollha maghha fantasija. Li hu importanti dak li qed jaraw klinikament, li hu importanti ghalihom u li fl-ewwel seduta l-ewwel qal li ra nisa gharwenin pero metaipprovaw jidhlu aktar fil-fond dak waqaf.

Nhar il-21 ta' Marzu, 2018 l-esperti regghu xehdu u qalu li minn meta xhedu l-ahhar ma kien inbidel xejn fis-sens li ma hux ideali li t-tifel minuri Jayden jixhed f'dawn il-proceduri. Qal li hemm trust issues kbar u kellu over sexualised behaviour u kien hemm zmien meta kien ikkalma ftit izda ricetnement rega beda juri dan l-atteggjament. Ihossu li t-tifel ma jridx jitkellem ghaliex qed jipprotegi lil xi hadd. Jaghtu ezempju billi jghidu meta staqsew lit-tifel '*min kien dahal ghandhom id-dar'* jghid '*il-kappillan biss'*. Huwa improbabbli li l-unika persuna li dahlet ghandhom kienet il-kappillan. Meta jghidulu il-kappillan biss, jwiegeb ' *u le gieli gew xi nies ohra'*. Dan ghalihom ifisser li '*he is suggestible*' u ma jsitghux jorbtuh ma dak li jghid it tifel.

**Noel Cini,** social worker mac-Child Proection Unit u jikkonferma li nhar it-23 ta' Gunju, 2016 kien giet mitlub jitkellem ma tifel ta' xi tmien snin. Minn dak in-nhar 'l hemm gie inkarigat biex jiehu hsieb l-bzonnijiet ta' dan it-tifel u itih is-support emozzjonali u jara minn liema servizzi jista; jibbenefika. Qal li kien jiltaqa' ma dan it-tifel Jayden darba fil-gimgha u kien jitkellem mieghu dwar il-kaz u anke dwar is-sitwazzjoni u jghid li meta kien ikellmu fuq id-dar, it-tifel kien jintela rabja u jghidlu biex jieqaf sabiex ikomplu jilghabu. Meta kien jara stampa ta' dar kien jieqaf jilghab u johrog mill-kamra. Jghid li fuq il-familja u fuq id-dar ma kienx jitkellem. Jghid li darba minnhom it-tifel semma li kien hemm erba' nisa li kienu prostituti u li kienu jghixu fid-dar mieghu. Dan semmihom b'isimhom u qal li kien iwassal wahda minnhom il-Marsa meta kien ikun ma missieru. Dan qal li kienu jwassluha hdejn is-suwed fejn isiru affarijiet pastazi. Qal li huma pprezentawlu stampa ta' Ipad u dan tajjar l-istampa u qal '*jaqq jaqq ma iridx jarha'*. Mistoqsija ghaliex ghamel hekk jghid li ghaliex sar jaf li fl-Ipad kien hemm hafna pornografija pero it-tifel mieghu qatt ma tkellem fuq dawn l-affarijiet.

Nhar il-21 ta' Lulju, 2020 kien xehed in kontro-ezami[39] u qal li meta spicca mic-child protection warajh kien hemm certu Svetlana pero ma jafx kunjomha. Wara ftit xhur li beda b'dan il-kaz kienet inharget care order mic-child protection.

**Alicia Cauchi,** social worker fic-Child Protection Unit xehdet nhar it-22 ta' Settembru, 2016 u spjegat illi nhar it-22 ta' Gunju, 2016 marret fl-ufficcju tal-Vice Squad flimkien ma Noel Cini ghax gew infurmati li kien hemm abbuz fuq minuri. Meta iltaqghu mal-minuri innutaw li dan kien '*all over the place*' u ma setghux jikkontrollawh. Qalet li l-minuri irrifjtua li jitikellem. Qalilhom li kien jaf min huma li gew mill-Appogg u li xoghlhom kien li jiehdu t-tfal u kien qed jibza li kien ser jigrilu proprju hekk. Wara li raw hekk iddecidew li jiehdu l-minuri l-Appogg bil-ghan li isibulu placement .

Kien qal dakinhar stess li kien jinzel il-Marsa. Waqt li kienu l-Appogg ghamlu kuntatt ma omm il-minuri, is-sinjura Axiaq u meta qalulha dak li kien qed jigri ma dehritx sorpriza u dan ghaliex qalet li hija ghandha tifla u l-akkuzat mhux l-ewwel darba li nizzel il-qalziet tieghu u ghamel il-parti genitali tieghu ma din it-tifla. Qalet li hija qatt ma kienet involuta f'dawn l-affarijet u rriffjutat li zzomm it-tifel. Qalet li t-tifel kien bezghan hafna u l-hin kollu jitaqsi dwaru u kellhom jghidulu li missieru kien jaf x'inhu ghaddej u li kien fil-kumpanija taghhom. Wara marru jkelmu l-akkuzat u fehmuh li kien ikun ahjar jekk dan it-tifel jghix go stitut u wara xi perswazjoni dan taghhom il-permess. Taf li inharget *care order* fuq il-minuri. Minn dakinhar 'l quddiem ma regghetx iltaqghet ma Jayden. Mistoqsija jekk innutatx xi haga partikoalri dwar l-abbuz sesswali, tghid li t-tifel wera x-xewqa li jmur jghix ma ohtu, izda ohtu tghix ghar-rasha u milli setghet tifhem ghandha xi hamest itfal.

**PS 153 Lydon Zammit** xehed nhar il-25 ta' Ottubru, 2016 u kkonfema li nhar it-2 ta' Gunju, 2016 kien qieghed xoghol u *Omissis* infurmat lill-ispetttur Justine Grech li kient giet imgieghlha taghmel atti sesswali mal-akkuzat, li dak iz-zmien kienet tghix mieghu u li anke kien igieghlha taghmel atti sesswali ma ibnu minuri Jayden. Dak il-hin stess infurmaw l-Appogg sabiex it-tifel ma jmurx lura id-dar mill-iskola. Ghalhekk

[39] Fol. 413 tal-process.

marru ghal dan it-tifel l-iskola s-Siggiewi u nizlu bih l-Appogg u wara marru bih l-Kwartieri tal Pulizija biex ikellmuh.

Huma waslu l-iskola ghall-habta tal-11.30am, marru l-iskola tkellmu mad-dirigenti ta' l-iskola u spejgawlha minn kienu u b'hekk it-tifel mar maghhom flimkien mal-LSA sabiex jitkelmu mieghu. Waqt li kienu fl-ufficini taghhom it-tifel stqar li ma riedx jitkellem maghhom u jghid ex admisses '*ghax ma jridx li d-daddy jmur go gagga.*' Minhabba l-eta' minuri tat-tifel ma ittihdet l-ebda dikjarazzjoni formali. Bdew jilghabu xi loghob mieghu u dan stqarr maghhom li kienu ghadhom kemm nizel il-Marsa ma missieru. Pero' ghaliex mar il-Marsa ma qalx. Waqt li kien qed jilghab bil-pupi tal-playmobil irrimarka 'ara x'zejza ghandha din'. Minn hemm it-tifel gie akkompanjat l-Appogg u wara ittihdet d-decizjoni li jitpogga go Home ghat-tfal.

Saret search fir-residenza tal-akkuzat u mid-dar tieghu gewwa s-Siggiewi u cioe' Entratura C, Flat 5, Triq Sun Anton Vella instabet Ipad u gie kkonfermat li din kienet tintuza mit-tifel Jayden u fuqha instabet pronografija. Kemm access ghas-siti kif ukoll filmati pronografici fuqha. Dan gie elevat u mmarkat bhala Dok LZ1. Instabu ukoll tlett CDs u dawn instabu fil-kamra tas-sodda ta' *Omissis* u dawn gew esebiti u mmarkati bhala Dok LZ2, LZ3 u LZ4. Gew elevati ukoll zewg mobile phones li gew mmarkati bhala Dok LZ5 u LZ6 u zewg SD cards li instabu fir-residenza li gew esebiti u mmarkati bhala Dok LZ 7 u LZ8.

Wara gew mitkellma wkoll xi nisa li kienu ghamlu zmien jghixu ma l-akkuzat fosthom *Omissis* u *Omissis* u dawn ikkonfermaw li min-naha taghhom vera kellhom dawn l-atti sesswali mal-akkuzat u ma Jayden. Fosthom stqarrew li kien ikollhom x'jaqsmu flimkien u li l-akkuzat kien jghid lil ibnu biex imiss s-sider taghhom u dan sabiex it-tifel ma jitlax gay, anzi kien jghid biex it-tifel ma jkunx 'pufta'.

Nhar is-26 ta' Novembru, 2019[40] ix-xhud rega xehed in kontro- ezami u jghid li t-tifel Jayden kien konxju tal-akwati ghaliex darba minnhom fuq outing kien hadu il-kavellerija u dan it-tifel kien qallu li hemmhekk kienu imur ma missieru fejn il-prostituti. Qal li anke meta it-tifel kien qed jilghab bil-pupi tal-playmobil fid-depot

[40] Fol. 373 tal-process.

ghamel referenza ghas-sider tal-pupu u ghalhekk minnufih induna li t-tifel ma kienx normali. Qabad u semma sider il-pupa cum bum u dan qabel ma bdew jitkelmu mat-tifel u dan fil-presenza tas-social worker. Kuntatt ma *Omissis* ma kellux. Ikkonferma li ha sehem fis-search fid-dar tal-akkuzat u mistoqsi jekk sabx xi affarijijiet konnesi mad-droga jghid li ma jiftakarx. Jaf zgur li nstabu xi DVDs tal- pornografija. Kieku sab kien jelevhom jghid.

**WPC 186 Dorianne Tabone** xehdet nhar il-25 ta' Ottubru 2016 u kkonfermat li hija kienet xhud ta' l-istqarrija li kien irrilaxja l-akkuzat[41] nhar l-24 ta' Gunju 2016, wara li kien inghata id-dritt ta' parir legali. Tghid li kien ghazel li jzomm mad-dritt tas-silenzju u ma wegibx kif kellu kull dritt. Ikkonferma pero li kien ilu jbati mill-marda Hepatitis B, ghal iktar minn 20 sena u li kien ikollu x'jaqsam man-nisa li kien igib id-dar minghajr ebda kontracettiv u qal li ma kienx jinfurmhom ghaliex huma qatt ma qalulu minn xiex ibatu huma.

Tghid ukoll li kienet prezenti ghal search li saret fit-23 ta' Gunju, 216 fir-residenza tal-akkuzat gewwa is-Siggiewi u fil-presenza taghha ma gie elevat xejn.

Ikkonfermat li lil *Omissis* iltaqghet maghha fix-xoghol taghha anke qabel dakinhar tat-23 ta' Gunju 2016 kemm f'dawk il-lokalitajiet kif ukoll fuq xoghol iehor differenti. Mistoqsija jekk qatt kellmitha fuq din il-materja tghid li le. Mistoqsija jekk staqsiethiex ghaliex ma kienitx kellmitha qabel fuq din il-pendenza tghid li ma tafx kienitx staqsietha

**Roberta Vella Bonnici, social worker** xehdet nhar l-24 ta' Jananr 2017 u kkonfermat li Jayden dahal fil-home fl-ahhar ta' Gunju 2016 u tghid li ghal bidu ma ridx jilghab ma tfal ohra u kien qed jirrabja u beda jsabbat izda wara beda ihalli lil min jilghab mieghu. Tghid pero li meta jkun ser jitlef jew iharbat jew ma jkomplix jilghab. Il-carers qalulha ukoll li ghandu xi problemi relatati ma sexual behaviour. B' dan riedet tfisser li l-carer qaltilha li juza frazi bhal 'x' zejza ghandek' jew fuq il-patata infaqqalhom'. Kien hemm xi carer ohra li qaltilha li waqt li kien qed jilghab bil-pupi tal-playmobil

[41] Fol. 21 sa 23 tal-atti.

mara u ragel kien ipoggi mara taht u ragel fuq u malli induant hekk waqfitu. Qalet li anke meta dahlet mal-carer biex it-tifel jinhasel ratu jmiss il-parti genitali tieghu l-hin kollu u dan mhux normali b'tifel ta' dik l-eta'. Il-carer jsimiha Cettina Schembri u l-ohra jisimha Elena Xuereb. Qalet li dakinhar it-tifel kien sejjer mhux hazin u dan ghaliex fil-bidu kien ihobb joqghod ghalih wahdu. Qed jiekol, imur l-iskola u jmur ghand il-psikologa u ghaddej bir-rutina ta' kuljum.

Mistoqsija ghaliex it-tifel spicca hemm tghid li iva, ikun jafu skond ir-referral li jircievu minhand l-Appogg wara li jkunu ghamlu l-assessment taghhom. Qalet li sa fejn taf hi kien hemm problema mhux ta' *sexual abuse* izda ta' *sexualised behaviour* izda jekk kien hemm abbuz jew le ma setghetx tghid.

**Dr Mariella Mangion** xehedet nhar is-7 ta' Frar, 2017[42] u kkonfermat li kienet giet mitluba mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli biex tezamina lil *Omissis* u fil-fatt ratu nhar l-1 ta' Lulju, 2016 u mieghu kien hemm il-haddiema socjali Roberta Vella Bonnici. Qalet li deher li kien tifel il-hin kollu jiccaqlaq bla kwiet u jbiddel id-diskors kull darba li staqsietu li ma riedx iwiegeb. Qal li fil-fatt il-genitali tieghu ma deherx li kien hemm xi abbuz sesswali fiziku. It-tifel deher skomdu hafna u staqsiet jekk kienx mugugh jew jekk kienx hemm xi hadd li weggghu u minnufih qam minn fuq il-couch, nizel u beda jilghab. Haditlu xi ezamijiet medici fosthom anke dak tal-Hepatatis C u kollox kien normali. Hija esebiet ir-rapport taghha datat 5 ta' Lulju, 2016.[43]

**Cettina Schembri** xehdet nhar il-25 ta' April, 2017 u kkonfermat li hija tahdem bhala carer gewwa Dar Fra Diegu Home u fost il-minuri li tiehu hsieb hemm *Omissis*. Tghid li tippreparah ghall-iskola u tghinu fil-homework u anke tilghab mieghu. Qalet li waqt li jkun qed jilghab dan Jayden jaqbad il-pupi tal-playmobil partikolarment pupu ragel u pupa mara u ipoggihom fuq xulxin mindudin u jkun hemm id qed tghafas fuq ohra . Qalet li dejjem jghamel l-istess mossa. Ma kienx imiss it-toys l-ohra bhal ajruplani, karozzi jew muturi dejjem bil-pupi jilghab. Mistoqsija kemm il-darba pogga il-pupi fuq xulxin tghid li dan kien regolari. Pero ikkonfemat li qatt ma qal xejn, mossi biss kienet tara. Qalet li issa nehhewlu l-pupi u qed jilghab bid-dinosawri.

---

[42] Fol. 193 tal-process.
[43] Fol. 196.

Mistoqsija xi studju ghandha biex tahdem bhala carer tghid li ghamlet wiehed bhala carer ma l-anzjani u fil-prezent kienet qed taghmel kors li jikkoncerna it-tfal. Qalet li l-kors li ghamlet involva ukoll it-tfal ghandha livell 4.

**Eleanor Xuereb**, child care worker xehdet nhar il-25 ta' April, 2017[44] u spjegat li tahdem gewwa Fra Diegu home u fost it-tfal li tiehu kura hemm *Omissis*. Tghid li l-kuntatt taghha mieghu kien biss fil-bidu meta kien gie ammess. Qalet li kien jitkellem car hafna u jghid frazi bhala 'x'patata ghandek' jew 'x'zejziet ghandek'. Qalet li semghatu jghidhom f'okkazzjoni wahda biss. Qatt ma semghet diskors simili minn tfal ohra ta' l-istess eta'.

**Dr Steven Farrugia Sacco** xehed nhar t-13 ta' Lulju, 2017 u xehed li nhar il-25 ta' Ottubru 2016 kien gie nominat sabiex jezamina id-dokumenti mmarkati bhala Dok LZ1 sa LZ 8. Huwa ezamina dawn l-istess dokumenti partikolarment il-kontenut taghhom. Jghid li Dok LZ1 kellu materjal pornografiku. Huwa pprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhala Dok SFS.[45]

**Dr Chris Barbara, specjalist fil-patologija u virologija** xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2017[46] qal li kien gie nomiant sabiex jiehu testijiet ta-demm ta' diversi nies li gew mibghuta lilu mill-pulizija. Jghid li ghamel test tad-demm ta' *Omissis* dwar Hepetitis B, Hepetitis C u HIV u fuq il-minuri Jayden. Irrizulta li *Omissis* harget pozittiva ghall-Hepetitis C. It-tifel kellu rizultati tajbin bla ebda mard. Huwa pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok CP1.[47]

Illi l-akkuzat kif kellu kull dritt li jaghmel iddikajra nhar l-10 ta' Marzu 2020 li ma kienx ser jixhed f'dawn il-proceduri.[48] Pero jinghad li nhar it-23 ta' Gunju 2016 kien irrilaxxa stqarrija li tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok JB 2[49] u dan wara li kien ikkonsulta mal-avukat tieghu Dr Yanika Camilleri u wara li kien inghata id-

[44] Fol. 229A tal-process.
[45] Fol. 242.
[46] Fol. 293.
[47] Fol. 276 tal-process.
[48] Fol. 391 ta' l-atti processwali.
[49] Fol-16 tal-process.

drittijiet legali tieghu. Spjega li kien mizzewweg izda fil-prezent hu separat. Ghandu zewgt itfal, tifla ta' hamsa u tletin sena u dan it-tifel Jayden. Qal li it-tifel kien gie ghandu b'ordni tal-Qorti. Jghid li ma kienx jahdem izda jghix bl-ghajnuna socjali . Kien jiehu hsieb it-tifel u jibghatu l-iskola anke wara il-hin. Qal li d-dar kien jghix wahdu mat-tifel izda kien hemm zmien xahar meta kienet tghix maghhom ukoll *Omissis*. Qal li kien cempillu habib tieghu ta' nazzjonalita Gharbija bl-isem ta' Ibrahim mgharuf bhala id-Digwi li jghix Gahwdex. Qal li meta hadha id-dar kien iwassalha s'ghand id-Detox u qalilha jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet tal-Qorti kien ser jirraportaha u hekk ghamel. Qal li kien ghamel tlett rapporti. Jghid li darba minnhom wassalha Wied il-Ghajn u qabdet ittih. Qal li qatt ma tatu flus u kellu bzonn seba' euros petrol kuljum. Mistoqsi kemm il-darba wassalha il-Marsa, l-ewwel jghid qatt, imbghad jghid ha jwiegeb il-Qorti wara li jikkonsulta mal-avukat. Cahad li hu qatt sawwat lit-tifel. Jghid li ghandu tablet pero ma jghidx jekk it-tifel kienx juzaha. Mistoqsi jekk ghandux ossessjoni fuq is-sess jghid li m'ghandux. Mistoqsi diversi domandi ohra jghazel li ma jwegibx.

L-ghada nhar l-24 ta' Gunju, 2016 irrilaxxja stqarrija ohra li giet immarkata bhal Dok JB3[50] u ghal darb' ohra wara li kien tkellem mal-avukat tieghu u li kien inghata id-drittijiet legali tieghu. Mistoqsi jekk jafx lil *Omissis* jghid li ma jwegibx. Muri ritratt mehud mit-tablet li giet elevata mid-dar tieghu jghid li dik mhux Dorianne. Mistoqsi jekk Dorianne marritx tghix ghandu ma huha ma jwegibx. Mistoqsi jekk kellux x'jasam maghha ma jwegibx. Mistoqsi jekk jiddispjacihx li dahhal prostituta id-dar meta kien hemm ibnu jwiegeb 'mhux mara hi x'inhi'. Jghid li ghandu marda illi tigi trasmessa bis-sess u din hi Hepatitis B u ilha fuqu xi ghoxrin sena. Mistoqsi jekk qalx li *Omissis* u lil *Omissis* li kellu din il-marda iwiegeb '*huma qaluli bil-mard li ghandhom? Daqshekk iehor nghidilhom jien.*'

Rat ix-xhieda imresqa mill-akkuzat in difesa.

**<u>Nathalie Saliba</u>** kap ta' l-iskola tas-Siggiewi u ilha tokkupa din il-kariga ghal hames snin. Jayden kien ilu jattendi l-iskola fejn tahdem hi ghal tlett snin. Bhala ghalliema

[50] Fol. 21 tal-process

tieghu kellu tlieta Ms Marouska Sammut, Ms Melanie Bonello u Ms Stephanie Magri. Tghid li Jayden kien tifel helu u qatt ma taghhom problemi. Ma kienx hemm problemi ta' behaviour. Kien jara it-teachers bhala mother figure. Kien 'very affectionate towards them'. Tghid li fir-rigward ta' tfal ohra kien daqxejn 'withdrawn' ma kienx xi tifel popolari. Kien tifel kwiet. Qalet li kien gie riferut ghal counselling ghaliex kellu hafna fatasija anke kif kien ipingi 'for his age' hasset li kellu bzonn. Mistoqsi x'kienet ir-relazzjoni ta' l-iskola ma missier it-tifel, l-akkuzat tghid li kienet wahda tajba.

Qalet li hi kuntatt dirett mat-tifel ma jkollhiex u ghalhekk dak li taf inghad lilha mit-teachers. L-unika kuntatt li kellha mat-tifel kien dak ta' kap ta' l-iskola. Tghid li it-teachers gili semmewlha li it-tifel ipingi skeletri u ihirsa u affarijiet hekk.

**Melanie Bonello, ghalliema fl-iskola tas-Siggiewi** xehdet nhar l-10 ta' Marzu, 2020.[51] Spjegat li kienet ilha tghallem ghall-ghxorin (20) sena. Qalet li kellha fiducja fit-tifel Jayden meta kienet tghallmu. Milli tiftakar it-tifel kien gustuz. Dan kellu hbieb u jilghab maghhom normali. Damet tghallmu ghall-perjodu ta' sena skolastika. Bhala apparenza kien jigi mlibbes tajjeb bl-uniformi, ghalkemm kien hemm xi drabi meta zbalja u libes il-PE kit flok l-uniformi.

Qalet li tiftakar li dabra minnhom kienet irreferietu ghal counselling ghaliex kien qed jghid hafna stejjer tal-biza li jara l-ihirsa u jiftah il-cupboards u jara l-iskeletri. Kien qed jghid dawn l-istejjer anke lit-tfal u kien qed ikunu imbezzghin. Gili fil-fatt anke pinga xi drawings hekk ukoll.

**Priscilla Buhagiar**, LSA fl-iskola ta' Siggiewi xehdet nhar l-10 ta' Marzu, 2020[52] u tghid li ilha tokkupa din il-kariga ghal madwar ghoxrin (20) sena. Qalet li kienet tiehu hsieb lil Jayden ghall-perjodu ta'sena u kellha relazzjoni tajba mieghu. Kien juri hafna attenzjoni maghha u gili ghajtilha ukoll Ma. Kien jghannaqha u jghidilha li ihobbha. Kienet tghaddi gurnata shiha mieghu kuljum. Kienet tiehu hsieb zewgt itfal fil-klassi Kien ihobb lit-tfal u dawn kienu ihobbuh ukoll. Kien ihobb jixxerja l-affarijiet tieghu. Hija kienet tarah happy.

[51] Fol. 399 tal-process.
[52] Fol. 403 tal-process.

**Eunice Grech Fiorini** bhala assistent Direttur tal-Qrati Kriminali u Tribunali xehdet nhar id-29 ta' Settembru,2020 u mitluba tghid jekk hemmx proceduri fil-konfront ta' *Omissis* u *Omissis* tispejga li fil-konfront ta' *Omissis* kien hemm sentenza wahda u esebiet kopja taghha li giet mmarkata bhala Dok EGF1[53] li tikkoncerna pussess ta' droga u proceduri ohrajn li kienu ghadhom pendenti quddiem il-Magistrat Dr Natasha *Omissis* Sciberras skond id-dokument mmarkat Dok EGF1.[54] Fir-rigward ta' *Omissis* kien hemm lista ta' disa' kawzi, erba' minnhom decizi. Hija esebiet kopja legali ta' tlieta minn dawn is-sentenzi (Dok EFG 3, Dok EFG 4 u DOk EFG 5) izda ir-raba' wahda ma sabuhiex. Hemm ukoll dawk pendenti skond Dok EGF 2.[55]

**Joseph Ribas, rapprezentant ta' Identity Malta** xehed nhar id-29 ta' Settembru, 2020[56] u spejga li l-akkuzat *Omissis* li ghandu karta ta' identita numru 616855M huwa residenti Binja Hesri Entrance C, Flat 5, Triq Dunb Anton Vella, Siggiewi.

**Ignatius Cassar,** rapprezentant tar-Registru Pubbliku xehed nhar it-3 ta' Novembru, 2020 u mitlub jesbixxi certifikat tat-twelid ta' Zailee Faith *Omissis* li twiledet nhar id-9 ta' Jannar 2016 u hija bint *Omissis* detentrici tal-karta ta' identit'a numru 0200385M u Alaa Hashem Mohammed El Sawi. Dan id-dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok IC1. [57]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kummissarju tal-pulizija prezentata fir-registru tal-Qorti nhar it-30 ta' Novembru, 2020[58] u dik pprezentata mill-akkuzat appellant nhar il-31 ta' Dicembru, 2020.[59]

Ikkunsidrat.

---

[53] Fol. 426 tal-process.
[54] Fol. 425 tal-process.
[55] Fol. 427 tal-process.
[56] Fol. 453 tal-atti tal-process.
[57] Fol. 458 tal-process.
[58] Fol. 49 tal process.
[59] Fol. 479 tal-process.

Illi din il-Qorti kuntrarjament ghall-ewwel Qorti ma kellhiex l-opportunita tghix dan il-kaz u tezamina l-imgieba tax-xhieda fuq il-pedana pero ghandha DVD dwar ix-xhieda moghtija mill-kwerelanti u appuntu Dorianee *Omissis* u *Omissis* permezz ta' video conferencing u minn dak li kkonstatat ma hemm xejn fl-imgieba taghhom li igghelha tiddubita minn dak msitqar minnhom. Il-pulizja tkellmu maghhom b'mod individwali u t-tnejn irrakontaw l-istess fatti u dan minghajr ma kienu jafu x'qed jintqal. Illi mhux hekk biss izda dak l jghidu hu wkoll korroborat minn indizzju u fatti eseterni. Per ezempju *Omissis* u *Omissis* it-tnejn jghidu li t-tifel kellu tablet fuqu u din kellha pornografija u meta l-pulizija eleva din it-tablet u giet ezaminata mill-espert tal-Qorti, dan il-fatt gie pruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Il-pulizija jghid li meta it-tifel minuri kien qed jilghab bil-pupi tal-playmobil waqt li kien fil-playroom tad-depot dan qabad zewg pupi ta' sess oppost poggihom fuq xulxin il-mara taht u ir-ragel fuq u beda jaghmel referenza ghaz-zejza tal-mara. L-esperti medici u cioe' Dr Joseph Cassar, Carmen Sammut u Dr Mariella Mangion ilkoll jghidu li l-minuri kien espost ghall-attivitajiet sesswali u irrakomandaw li t-tifel ma jigix ingunt biex jixhed ghaliex dan il-fatt jista' jkun ta' detriment serju ghal sahhtu. Jinghad ukol li meta l-ispettur akkompanja lit-tifel sa fejn il-Kavellerija tal-pulizija, dan stqar li kien imur hemm il-Marsa ma missieru u ghalhekk dan jikkolabora dak li qalu *Omissis* u *Omissis* li t-tifel kien ikun fil-vettura ta' l-akkuzat meta dan kien jinzel il-Marsa. Issir referenza ghal dak li qal l-ispettur Lydon Zammit u cioe' li t-tifel qallu biex imiss sider il-pupa. Roberta Vella Bonnici is-social worker ukoll tghid li l-minuri ghamel refernza ghall-prostituti mas-social worker Noel Cini

.

Ghalhekk l-Qorti ghandha tezamina l-akkuzi li taghhom l-akkuzat instab hati bil-ghan sabiex tara jekk il-gudizzju espress mill-ewwel Qorti kienx wiehed *safe u satisfactory.*

L-akkuzat appellant instab hati tat-tieni akkuza u cioe' talli ghamel pressjoni, sforza jew hedded lil ibnu *Omissis*, minuri ta' seba' snin, biex jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma xi persuna ohra jew gieghel lil-ibnu ikun prezenti waqt abbuz sesswali jew attivitajiet sesswali ukoll jekk ma hax sehem fihom. Jew xjentement gieghel ghal skopijiet sesswali lil ibnu *Omissis*, minuri ta' 7 snin, jippartecipa f'imgieba esplicitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali, inkluz permezz ta' teknologija t'informazzjoni u komunikazzjoni, xjentement attenda wirja

pornografika li fiha ha sehem ibnu *Omissis* minuri ta' 7 snin meta l-akkuzat abbuza mill-pozizzjoni tieghu rikonoxxuta li kellu ta' fiducja, awtorita' jew influwenza fuq il-minuri msemmi.

L-Ewwel Qorti sabet lill-akkuzat talli hedded u sawwat lill-ibnu sabiex jaghmel attivitajiet sesswali ma *Omissis* skond l-Artikolu 204 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti sabitu hati ukoll tas-sub-incizi (b) (c) u (e) tal-Kap 9. Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

*204D. (1) Kull min:*

*(a) iġiegħel, jagħmel pressjoni fuq, jisforza jew jhedded persuna ta' taħt l-età biex tipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' xi persuna oħra; jew*

*(b) xjentement iġiegħel, għal skopijiet sesswali, persuna ta' taħt l-età sabiex tkun preżenti waqt abbuż sesswali jew attivitajiet sesswali, ukoll jekk dik il-persuna ma tasalx biex tkun imġiegħla tieħu sehem fl-attivitajiet;jew*

*(ċ) xjentement iġiegħel, għal skopijiet sesswali, persuna ta' taħt l-età sabiex tipparteċipa f'imġiba espliċitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali, inkluż permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni; jew*

*(d) jieħu sehem f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età, f'liema attività jkollha x'taqsam l-prostituzzjoni ta' tfal; jew*

*(e) xjentement jattendi wirja pornografika li fiha jieħdu sehem xi tfal ta' taħt l-età*

Jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Ewwel Qorti u anke ta' din il-Qorti kif preseduta li l-akkuzat kien ihalli lil ibnu espost ghal atti sesswali u dan meta kien ikollu x'jaqsam ma *Omissis* u *Omissis* u gili it-tifel raqad fl-istess sodda maghhom waqt li kien ikollhom

x'jaqsmu ma xulxin. Jirrizulta ukoll li darb' ohra t-tifel ra dawn l-atti mill-key hole tal-bieb. Jirrizulta li l-akkuzat kien ighajjar lit-tifel minkejja li kellu seba' snin ghaliex beza li kien ser ikollu orjentazzjoni sesswali differenti minn tieghu. Kien jghidlu 'pufta' ghaliex ma ridx li jitla' 'gay' bhas-subien ta' huh. Kien igieghel lin-nisa prostituti kif del resto ammettew huma stess ikollhom x'jaqsmu mat-tifel izda dawn irrifjutaw. Jghidu li sahansitra darba minnhom l-akkuzat anke ried li jkollu x'jaqsam ma *Omissis* minn quddiem waqt li t-tifel fl-istess hin ikollu x'jaqsam minn wara. Dan ma sehhx ghaliex is-sinjura *Omissis* irifjutat. Jghidu wkoll li l-akkuzat kien igieghel lit-tifel imiss sidirhom. Spjegaw kif l-missier kien ibezza' lit-tifel apparti li jghajjru u li darba tah daqqa' bil-lasta ta' l-ixkupa ghaliex ma setghax ikollu erezzjoni u darba ohra tah xeba bil-wire tal-kitla. *Omissis* tghid ukoll li fit-tablet it-tifel kellu ritratti tal-organu ta' missieru f'kull daqs u li anke kellu sites pronografici imnizzla fuqu. Tghid ukoll li l-akkuzat kien jghid lit-tifel biex ikollu sess orali maghha u hija ma kienitix tkun trid stante l-eta' minuri tieghu. Tghid li anke kien issuggerixxa biex hija toqghod mat-tifel fil-kamra tas-sodda biex jaghmlu atti sesswali flimkien u huwa johrog 'l barra ghaliex qal li t-tifel forsi jiddejjaq minnu. Spjegat ukoll il-loghba li kienu jilghabu tal-helu meta il-missier kien qed jirreferi ghal warrani taghha u meta kien jordna lit-tifel biex imissulha.

L-esperti nominati mill-Qorti ukoll jghidu li l-minuri kien espost ghall-attivitajiet sesswali pero kien tifel li ma ridx jitkellem ghaliex missieru kien ighidlu li jekk jitkellem huwa kien ser jispicca 'f'gagga'. Pero xorta Dr Cassar jghid li meta rah jilghab fil-klinika tieghu ghamel certu mossi li jindikaw li huwa kien espost ghall-attivitajiet sesswali. *Omissis* tghid li dawn kollu kien isir fid-dar tieghu li ddeskriviet sew u meta l-akkuzat gie mistqosi fl-istqarrija tieghu jekk hux minnu li *Omissis* ghamlet xi zmien tghix mieghu ma cahadx anzi jghid li 'relazzjoni ma mara ghandu dritt ikollu'. Jghid ukoll li 'l-ahhar sitt xhur gietu x-xewqa.'[60] Mistoqsi jekk jiddispjacihx li dahhal il-prostituti id-dar fil-presenza ta' ibnu iwiegeb 'mhux mara hi x'inhi'.[61] Dorianne tghid li maghha kienet hadet lil huha *Omissis* jghix ghand l-akkuzat u dan jammettih ukoll fl-istqarrija tieghu meta jghid li bla huha ma toqghodx. *Omissis* tghid li dawn l-affarijiet rigward atti sesswali kienu isehhu ta' sikwit b'mod regoalri ex admisses tghid

[60] Fol. 17.
[61] Fol. 22.

'mat-tifel kienu isiru naqra spiss mhux qed nghidlek kuljum....ma kienx hemm hinijiet partikolari.' Din tghid ukoll li kienet ghamelt rapport anonimu ma l-Appogg. Id-dirigenti tal-Appogg ukoll qalu li kellhom rapport anonimu dwar l-akkuzat izda meta ezaminawh ma kienu sabu xejn.

Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs. Raisa Mangion'</u>**[62] gie kkunsidrat li:

> 'Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa maghruf li dawn l-atti jrid ikollhom bhala minimu certu element ta' sess sabiex l-atti jissejhu attivitajiet sesswali u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu jkun hemm l-uzu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti fir-relazzjoni. Ghalhekk mhux kwalsiasi att bejn zewg minn nies f'relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bhal per ezempju tghanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita sesswali.'

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal-laqgha tal- 11 ta' Dicembru, 2007 tal-Kumitat Permanenti ghall-Kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' ligi meta kienet qieghda tigi diskussa iz-zieda tal-Artikolu 204C fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fost diskussjonijiet ohra dak iz-zmien l-Onorevoli Tonio Borg qal:

> ' It-204C tgħid hekk:
>
> "Participation in sexual activities with persons under age.".
>
> Dawn huma rikjesti sabiex inkunu nistgħu nirratifikaw il-protokoll mhux obbligatorju tal-konvenzjoni tal-United Nations fuq id-drittijiet tat-tfal, il–bejgħ ta' tfal, il-kustodja tat-tfal u l-pornografija tat-tfal kif ukoll il-framework decision ta' l-2003 ta'

[62] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta; Gudikatura Kriminali nhar it- 23 ta' Lulju, 2014 (1081/2013).

l-Unjoni Ewropea dwar sexual exploitation of children and child pornography. Hawnhekk kienet tqajjmet kwestjoni fuq sexual activity x'inhi. Jiena fittixt il-convention u nista' ngħid li m'hemmx definizzjoni. L-unika ħaġa meta tfittex il-convention, is-sexual activity pjuttost tintuża bħala l-aggravju.

Jiena qed ngħid dan għax aħna diġa' għandna r-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni. Allura issa x'se jiġri? Se ntellgħuh taħt it-204C? Meta qed ngħid sexual activity qed ngħid li llum korruzzjoni ta' minorenni teżisti wkoll – id-defilement of minors – anke jekk turi oġġett pornografiku lil xi ħadd taħt l-eta' u anke jekk m'hemmx kuntatt fiżiku. Dak huwa korruzzjoni ta' minorenni. Issa hawn sexual activity hija iktar restrittiva minn defilement għax ma naħsibx li turi oġġett pornografiku huwa sexual activity.

Forsi l-avukat ġenerali jista' jintervjeni bil-permess tal-Kamra.
ONOR. GAVIN GULIA: Qabel jintervjeni. Jiena dan il-punt kont semmejtu għax peress li t-204C fejn issemmi l-attivitajiet sesswali ġġorr magħha piena li hija inqas mill-pieni li qegħdin iġorru reati aktar speċifiċi li ma jmorrux ....(Interruzzjonijiet) Id-difiża tipprova tagħmel mezz li l-att li qed jiġi sindakat jiġi jaqa' taħt l-attivitajiet sesswali biex jiksbu piena inqas gravuża mill-pieni stabiliti fuq reati aktar speċifiċi. Qed ngħid dan li ma jmurx inkunu qegħdin nagħmlu xi ħaġa li flok inkunu qegħdin niġġieldu aktar il-kriminalita' f'dan il-qasam inkunu qed indgħajfu.
Qed inqajjem dan il-punt għax il-kelma "attivitajiet sesswali" hija xi ftit jew wisq wiesa'.

THE CHAIRMAN: L-Avukat Ġenerali.

DR. SILVIO CAMILLERI (Avukat Ġenerali): M'għandix dubji li d-diffikultajiet li qed jissemmew huma diffikultajiet reali li anke mill-uffiċċju tiegħi ppreokkupawna ftit sakemm ġejna biex niddeċiedu x'forma għandna nagħtu lil dawn l-emendi.

Pero` finalment, per eżempju, jekk tieħu l-korruzzjoni ta' minuri, illum l-iktar ġurisprudenza riċenti li konstantament qed tiġi segwita hi fis-sens li mhux neċessarjament li jkollok attivita' sesswali ma' minuri. L-aktar ġurisprudenza riċenti tgħid li jekk il-minuri kienet diġa' assolutament korrotta, allura m'hemmx ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri. B'dan ir-reat anke jekk hija assolutament korrotta allura għandu jirriżulta dan ir-reat. Mela jista' assolutament ma jirriżultalix ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri għaliex il-minuri kienet diġa' korrotta. Pero' jekk jirriżultalha li kien hemm l-elementi ta' dan ir-reat fis-sens ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali fuq persuna taħt l-eta', dak ir-reat jista' jirriżulta dan flok l-ieħor. Jiġifieri m'humiex preċiżament koinċidenti fl-elementi tagħhom.

Fi kwalunkwe każ imbagħad japplikaw xorta waħda l-prinċipji legali dwar l-assorbiment tar-reati u konkors formali ta' reati, japplika ukoll l-artiklu 17 tal-Kodiċi Kriminali jekk ikollok akkumulu ta' ħtijiet ta' reati differenti fl-istess akkuża allura hija rregolata l-piena li tingħata. Jiġifieri dawk il-prinċipji, dawk ir-regoli xorta jibqgħu applikabbli.

Aħna dehrilna li veru kellna nagħmlu daqsxejn akkurat biex niddeċiedu jekk għandniex bżonn dawn ir-reati speċifiċi u eventwalment dehrilna li iva għad hemm lok li jkun hemm dawn ir-reati speċifiċi kif hawn hawnhekk definiti. Anke għall-istess sena koperti biżżejjed is-sitwazzjoni mbagħad bir-regoli l-oħra dwar il-konkors formali ta' reati u l-assorbiment tal-pieni.

Il-Qorti rat li dak l-agir tal-akkuzat fid-dawl ta' dak mistqarr aktar 'l fuq jaqa' proprju fir-reati deskritti fl-artikolu 204D (a) (b) (c) u (e) u ghalhekk il-gudizzju ta' l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward huwa korrett.

L-artikolu 204D (2) (d) jqis li huwa aggravju meta l-atti kif indikati supra jirrizultaw, f'liema kaz l-ħati li jabbuża minn xi pożizzjoni rikonoxxuta li jkollu ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq persuna taħt l-età tigi provata. Dan hu l-kaz klassiku stante li l-akkuzat appellant hu l-missier li kien gie fdat bil-kura u kustodja ta' dan it-tifel minuri u ghalhekk huwa gust li jkun hemm zieda fil-piena.

L-akkuzat appellant instab hati fir-raba akkuza talli kkorrompa lill-ibnu minuri ta' seba' snin bl-aggravanti naxxenti mill-artikolu 203 (1) (a) u (c) oltre l-applikazzjoni ghaz-zieda fil-piena skond l-Artikolu 197(4) tal-Kodici Kriminali li jitkellem meta ir-reat isir minn axxendent jew tutur tal-vitma.

Issa minn ezami ta' dan l-artikolu, sabiex jissusisti dan r-reat, irid ikun hemm :

a. l-eta tal-vitma ghandu jkun inqas minn sittax-il sena
b. Eghmil zieni;
b. korruzzjoni ta' minorenni.

Skond **Manzini**, fil-ktieb tieghu **Trattato di Diritto Penale Italiano** dan jispjiega x'inhuma atti di libidine jew ahjar dak li jikkostitwixxi 'ghemil zieni' u cioe' dawk l-atti kollha '*diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piacere carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza*".

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Thomas Wiffen'**[63] citata mill-Ewwel Qorti gie kkunsidrat li:

> 'For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and

[63] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 1996

the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts":

*"Atti di libidine.... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine..... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, acui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali."* [64]
*F'din is-sentenza gie kkunsidrat li:*

*'Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with*

[64] Digesto Italiano Vol. VIII, parte 3, p. 967.

*the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed."*

**Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu Notes on Criminal Law jippuntwalizza li:

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime.[65]"*

u Francesco Carfora josserva:

*"non bisogna intendere la corruzione fisica nel senso ristretto di manifestazione di corruzione morale mediante atti volontari esteriori*

---

[65] P.226.

*compiuti dallo stesso minorenne, ma nel senso di contaminazione fisica anche mediante i soli atti dell'agente, inquantoche' agli effetti dell'art. 335 si ha la figura delittuosa della corruzione di minorenne quando questo abbia solo* subito sulla propria persona atti contrari *al pudore capaci di corrompere, anche se da parte sua non abbia corrisposto con altri atti, che costituiscono prova di un'effettiva corruzione, perche', come gia' abbiamo altrove notato, il legislatore intende a colpire i germi della corruzione gittati dagli atti delittuosi compiuti dall'agente, non in quanto sieno immediatamente sviluppati, ma in quanto possono in un tempo qualunque svilupparsi, e questo ritenne anche la patria giurisprudenza."*[66]

L-Qorti tkompli tghid fis-sentenza appena citata ta' Wiffen li :-

*"if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef) (Spettur Jessica Grima) vs Omissis'** [67]ikkunsidrat li:

*'Fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-Professur Mamo jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l- azzjoni penali. Fi kliemu ighid illi dana ir-reat: "deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of*

[66] op. cit., p.966.
[67] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-22 ta' Jannar, 2014 (Numru 1281/2011)

*defiling such individual." Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-eta' tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioe' l-eghmil zieni. "Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."*

**Il-Professur Mamo** ikompli

*"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence". Isostni: "To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral idefilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile." Jiddeskrivi dawn l-atti bhala: "inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite."*

L-istess Qorti kompliet tikkunsidra li:

*'Fl-ahharnett it-tielet element rikjest huwa l-att tal- korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qabblux dwar il-fatt jekk minuri li diga huwa korrott jistax ikun soggett ghal koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana ir-reat, madanakollu il-qrati taghna dejjem sahhqu illi l-fatt illi minuri ikun diga gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludiex ilkummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu. Ghal dak li jirrigwarda imbaghad il-mens rea rikjesta ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il- Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana ir-reat: "The defilment whether intended or not, must be*

*considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Kelinu Mifsud**[68]' gie kkunsidrat li:

*'Għandu jiġi wkoll osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appunta minħabba mhux biss il-kliem "atti ta' libidini", imma anki stante l-kelma "jikkorrompi", hemm indikata l-opera perikoluża tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni tal-Proġett tal-Kodiċi Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX), għandha tiġi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore"; Għalhekk, kull meta l-Qorti tkun perswaza li l-fattijiet tal-każ in ispeċje jinkwadraw ruħhom fl-ipotesi tal-liġi relattiva għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorreni, ċjoe' kull meta jkun hemm (1) l-eta' minuri tal-vittima, (2) l-element materjal tal-attijiet ta' libidini, ċjoe' attijiet intiżi għas-sodifazzjoni sesswali, u li fihom innfishom ikollhom l-attitudini li jokkorrompu, u (3) l-element intenzjonali, ċjoe' irrieda tal-ħati li jagħmel dawk l-attijiet, li hu jaf li huma libidinużi fis-sens premess, allura hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, appuntu in forza tal-kriterju negattiv fuq imsemmi, u skond il-prinċipji fuq espost;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. A.B.**[69] jinghad li:-

*"A skans ta' ekwivoci din il-Qorti taghmilha cara li il-fatt li wiehed imiss il-partijiet privati ta' minorenni, jew igieghel lill-istess minorenni jmissu l-partijiet privati taghhom, fic-cirkostanzi bhal ma sehhew f'dan il-kaz, jammonta ghal eghmil zieni li jikkorrompi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali, u li fil-fatt ikkorrompa."*

---

[68] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Jannar, 1955
[69] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Mejju, 2005.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan, ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza **Pulizija vs Ganni Schembri**[70] fejn inghad li:-

> *"Meta l- minorenni jkun gie moghti ghall- vizzju jista cio nonostanti ikun hemm ir- reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Ghaliex hadd ma ghandu l- jedd ikompli jispingi fuq it- triq tal-vizzju lil min forsi jista jitbieghed minnha kieku ma jabbuzawx ulterjorment minnu."*

Illi fid-dawl ta' din il-gurispridenza l-Qorti qiset dak li qalu l-kwerelanti fuq il-minuri u dan ghaliex thoss li kienu genwini u veritieri f'dak li qalu. Dawn il-kwerelanti iddiskrivew fejn kienu isehhu l-atti ta' intimita bejnhom u missier l-minuri u cioe' fil-kamra tas-sodda tieghu fil-presenza tal-minuri. Dawn iddiskrevew dak li kien jghidlhom jghamlu l-akkuzat appellant u dak li kien igieghel lit-tifel jghamel fost l-atti kien irid li jghamel sess orali maghhom, imiss il-parti tieghu, imiss sider n-nisa, jiehdu mieghu l -Marsa u jghidlu li kien sejjer hdejn il-prostituti tant li it-tifel minuri qal lill-ispettur li l-kavellerija hija fejn kien jiehdu missieru. L-akkuzat ma ressaq l-ebda prova kuntrarja ghal dak mistqarr minnhom. Jghid li ghandu dritt li jkollu relazzjoni ma mara u l-fatt li dahhal il-prostituti fid-dar fejn hemm ibnu jghix ma fiha xejn hazin ghax nisa huma. Tant l-atti li missieru gieghlu jaghmel ikkorrompew lit-tifel, li it-tifel stess beda jirrimarka fuq sider il-pupa mara u li kien ipoggi il-pupa mara taht il-pupu ragel. Jidher li l-akkuzat ghandu ossessjoni fuq is-sess u ma jafx jikkontrolla ruhu. Ix-xhieda tas-social workers u l-esperti medici nomianti mill-Qorti wkoll jikkonfermaw li t-tifel gie espost ghall-atti sesswali li jkorrompewh tant li illum ghandu bzonn fil-fehma taghhom hafna terapija. Ghalhekk l-Ewwel Qorti wasslet ghall-gudizzju tajjeb meta sabet lill-appellant hati ta' dan ir-reat ukoll.

L-appellant instab hati ukoll tas-sitt u seba' akkuza u cioe' li ser tintuza biza vjolenza fir-rigward tat-tifel minuri u dan sabiex igieghlu jaghmel attivitajiet sesswali u jekk ma jobdix kien isawtu bil-lasta tal-ixkupa u bil-wire tal-kitla. Oltre dan hu akkuzat ukoll

[70] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Ottubru, 1948 per Imhallef William Harding.

li hebb ghat-tifel minuri kif kontemplat fl-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan ir-reat huwa kkunsidrat li jaqa' taħt it-tipoloġija ta' reati li jikkostitwixxu l-fastidju. Il-ġurisprudenza Maltija turi b'mod ċar li sabiex dan ir-reat jiġi integrat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li:

(a) l-imġieba tal-imputat tkun tali li
(b) permezz tagħha huwa jikkaġuna lil ħaddieħor
(c) biża li ser tintuża vjolenza kontra l-persuna jew proprjeta tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu skont kif imfisser fil-liġi.

Qabel xejn din l-imġieba trid tkun imġieba mifruxa fuq aktar minn okkażjoni waħda. Inċident waħdieni magħmul f'okkażjoni waħdanija mhix biżżejjed biex tintegra dan ir-reat. Irid ikun hemm *course of conduct* – ossija aktar minn episodju wieħed mifrux fuq aktar minn okkażjoni waħda u li turi ripetizzjoni. Dan joħroġ ċar minn analiżi tal-każijiet prinċipali dwar din il-materja fosthom **Il-Pulizija vs. Alex Caruana Carabez,**[71] Il-**Pulizija vs. Massimo Tivisini,**[72] **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis,**[73] **Il-Pulizija vs Julian Genovese,**[74] **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar,**[75] **Il-Pulizija vs. Brian Micallef**,[76] fost oħrajn.

Skont kif mistqarr fis-sentenzi **Caruana Carabez u Tivisini** f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien.

F'dan il-kaz jirrizutla bic-car li l-akkuzat kien ibezzgha it-tifel kemm bil-wire tal-kitla, kif ukoll li ser itih bil-lasta ta' l-ixkupa. Mhux hekk biss kien jghidlu li jekk jitkellem kien ser jibghat lil missier f'gagga'. Illi dan hu pressjoni fuq it-tifel minuri ta' seba' snin. Ma hemmx dubbju li dan l-agir ma sehhx f'okkazjoni wahda izda kien jammotna ghal

[71] Qorti tal-Appell Kriminali, 21/06/2007.
[72] Qorti tal-Appell Kriminali, 27/02/2009.
[73] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/04/2009.
[74] Qorti tal-Appell Kriminali, 12/08/2010.
[75] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/01/2011.
[76] Qorti tal-Appell Kriminali, 14/10/2011.

course of conduct kien dak li bl-ingliz nghidulu 'way of life'. Dorianne u *Omissis* it-tnejn jghidu kemm kien jghajjat l-akkuzat mat-tifel u jghajjru 'pufta' u li ser ikun 'gay' ghax ma jkollux erezzjoni u ghalhekk din l-akkuza tirrizulta fil-konfront tal-minuri biss.

Dwar is-seba' akkuza u cioe' li huwa hebb ghall-minuri din tirrizulta meta hebb ghalih bil-wire tal-kitla u bil-lasta ta' l-ixkupa.

Issa, fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Pace** [77] intqal:

> *"L-ewwel Qorti rravvizat fl-ghemil ta' l-appellant il-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal- Kodici Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' (enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi."*

Sabiex din l-akkuza tirrizulta ma hemmx bzonn li l-akkuzat jikkaguna feriti izda anke is-semplici attentat ta' kagunar ta' ferita jammontaw ghal dan ir-reat. Fid-dawl tal-provi prodotti din il-kontravenzjoni tirrizulta provata u ghalhekk sewwa ghamlet l-Ewwel Qorti meta sabitu hati taghha.

---

[77] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Mejju 1997.

Fir-rigward tal-aggravju tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-Artikolu 197(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex dan l-Artikolu ma kienx citat fir-rinviju ta' l-Artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali. F'dan ir-rigward l-appellant ghandu ragun ghaliex is-sub-inciz (5) tal-artikolu 197 tal Kap 9 ma jezistix pero hemm is-sub-inciz (4) f'dan l-Artikolu u ghalhekk din il-Qorti ser taghmel tali korrezzjoni fis-sentenza taghha. Ma hemmx lok li dan l-Artikolu jigi indikat mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu biex jigi applikat ghaliex dan huwa konsegwenza tal-htija tar-reati li taghhom instab hati kif indikati fir-rinviju tal- Avukat Generali.

L-appellant jinterponi appell mill-piena ukoll ghaliex fil-fehma tieghu hija wahda eccessiva. Issa kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, "principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha." (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**"[78] u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** [79], fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Minghajr pregudizzju ghal dak sucitat, Mirko Bagaric, fl-Artikolu tieghu *'Proportionality in Sentencing: its Justification, Meaning and Role'*[80] jghid illi *'the principle of proportionality requires that the severity of the sanction is equal to the seriousness of the*

[78] Qorti tal-Appell Kriminali, nhar l-10 ta' Mejju 2002.
[79] Qorti tal-Appell Kriminali, nhar is-26 ta' Jannar 2001.
[80] Current Issues in Criminal Justice, Vol. 12 No. 2 (2000) 146.

*offence.'* Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li ghandha tara jekk il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti nghatetx fil-parametri tal-ligi, ghandha tara wkoll jekk il-piena moghtija hix proporzjonata meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni il-gravita' o meno tar-reati li l-akkuzat ikun instab hati ghalihom.

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz **<u>R v. Randich</u>**,[81] fejn il-Qorti Suprema ta' New Zealand qalet hekk:

> ***<u>One of the main purposes of punishment</u>*** *…* ***<u>is to protect the public from the commission of such crimes by making it clear to the offender and to other persons with similar impulses that, if they yield to them, they will meet with severe punishment.</u>***

Oltre minn hekk, din il-Qorti taghmel referenza ghal-linji gwida li jigu wtilizzati mil-Qrati Inglizi sabiex jaslu ghas-sentenzi taghhom meta l-akkuzat ikun allegatament wettaq reat ta' natura sesswali. Dawn igibu l-isem ta' *Sexual Offences Definitive Guideline* u ghal kaz odjern, din il-Qorti tirreferi specifikament ghas-sezzjoni bl-isem '*Offences where the victim is a child'*. Taht din is-sezzjoni principali jaqghu diversi sezzjonijiet ohrajn, fosthom *Sexual assault of a child under 13; Causing or inciting a child to engage in sexual activity; Sexual activity with a child family member* u ohrajn. Dawn jinkludu fihom kategoriji li jitkellmu fuq:

1. Il-hsara li saret lill-vittma; u
2. Il-htija attribwita lill-akkuzat

Il-Qorti trid tiddetermina dawn iz-zewg punti billi taghmel referenza ghat-*table* provduta f'kull sezzjoni u li jghinuha tasal ghad-decizjoni taghha. Per ezempju taht is-sezzjoni *Sexual assault of a child under 13,* fost il-fatturi li jrendu kaz aktar gravi minn iehor huma: il-hsara psikologika jew fizikali severa; vjolenza u theddid; abbuz ta' fiducja u meta l-akkuzat jahdem flimkien ma haddiehor biex iwettaq l-istess reat. Sabiex tasal ghad-decizjoni taghha, il-Qorti ghandha tinnota wkoll fatturi aggravanti bhal meta tintuza xi arma jew oggett iehor biex tbezza jew twegga' l-vittma, kif ukoll

[81] [1954] NZLR 86, 87.

fatturi mitiganti bhal meta l-akkuzat jesprimi rimors ghal dak li jkun ghamel. Dawn kollha, b'mod kumulattiv, flimkien ma fatturi ohrajn bhal per ezempju jekk l-akkuzat ikkoperax mal-prosekuzzjoni jew jekk hux qed jammetti ghar-reati li hu jinsab akkuzat bihom, iservu bhala indikazzjoni ghall-Qorti sabiex taghti s-sentenza taghha u jekk din ghandiex tqerreb iktar lejn il-massimu jew lejn il-minimu.

Meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni d-dettalji allarmanti li jsawwru l-kaz odjern fil-kuntest tal-linji gwida indikati *supra*, bla dubju ta' xejn illi sentenza ghal kaz bhal dan ghandha tqerreb lejn piena massima. Din il-Qorti tfakkar illi r-reati li taghhom qed jinsab hati l-akkuzat huma ta' natura serja hafna u multo magis huma iktar koroh ghaliex huma kommessi min missier fuq iben ta' seba' snin. Ghalhekk, din il-Qorti ma tara li ma hemm ebda raguni ghaliex ghandha tkun klementi ma l-akkuzat. Molto piu meta tqies il-hsara li huwa kkaguna lil ibnu u it-terapija li dan il-minuri ghandu jiehu. Oltre minn hekk din il-Qorti taccena illi ma tistax timponi piena ikbar milli taghat l-Ewwel Qorti minhabba l-fatt li dan huwa appell intavolat mill-appellant u mhux mill-Avukat Generali. Din il-Qorti tikkundanna b'mod assolut dan it-tip ta' agir annimalesk fuq minuri ta' seba' snin u dan specjalment in vista tal-fatt li l-appellant bhala missier il-minuri ma kellu jtih xejn ghajr imhabba, ghozza, gwida u kuntentizza. Kuntrarjament ghal dan, l-appellant esponieh ghall-hajja ta'sess, swat, pornografija, prostituzzjoni u drogi.

Ghaldaqstant, f'dan il-kaz, zgur li l-gudizzju milhuq mill-Ewwel Qorti kien '*safe u satisfactory*' u fil-parametri tal-ligi. Din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni uzata mill-Ewwel Qorti u ghalhekk qedgha tikkonferma s-sentenza appellata kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta.

Il-Qorti qed tikkonferma ukoll l-ordni moghti mill-ewwel Qorti fejn ordnat li l-akkuzat jigi imnehhi minn kull awtorita' u jedd li setgha kellu fuq il-minuri *Omissis* u dan ai termini ta' l-artikolu 197 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qedgha wkoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat ai termini ta' l-Artikolu 533 tal- Kap 9 sabiex l-akkuzat fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub

mir-Registratur tal-Qorti ihallas l-ispejjez lill-istess Registratur tal-Qorti Kriminali fis-somma ta' €1,906, liema somma tirrapprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

Tordna ukoll li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 li l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett snin mill-llum lejn il-persuni protetti, li huma *Omissis*, *Omissis* u *Omissis*.

**Sabiex tigi protetta l-identita tal-minuri koncernat, il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-istess minuri, tal-akkuzat appellant u taz-zewg xhieda principali *Omissis* u *Omissis* minn kull mezz tax-xandir.**

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef